



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 26 ta' Lulju 2024
(OR. en)

12605/24
ADD 18

JAI 1253
FREMP 336
AG 148
POLGEN 123

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	26 ta' Lulju 2024
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2024) 818 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI Rapport tal-2024 dwar l-Istat tad-Dritt Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt f'Malta Li jakkumpanja d-dokument KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, IL-KUNSILL, IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U L-KUMITAT TAR-REĠJUNI Rapport tal-2024 dwar l-Istat tad-Dritt Is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument SWD(2024) 818 final.

Mehmuż: SWD(2024) 818 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.7.2024
SWD(2024) 818 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

**Rapport tal-2024 dwar l-Istat tad-Dritt
Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt f'Malta**

Li jakkumpanja d-dokument

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, IL-
KUNSILL, IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U L-KUMITAT
TAR-REĠJUNI**

Rapport tal-2024 dwar l-Istat tad-Dritt

Is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea

{COM(2024) 800 final} - {SWD(2024) 801 final} - {SWD(2024) 802 final} -
{SWD(2024) 803 final} - {SWD(2024) 804 final} - {SWD(2024) 805 final} -
{SWD(2024) 806 final} - {SWD(2024) 807 final} - {SWD(2024) 808 final} -
{SWD(2024) 809 final} - {SWD(2024) 810 final} - {SWD(2024) 811 final} -
{SWD(2024) 812 final} - {SWD(2024) 813 final} - {SWD(2024) 814 final} -
{SWD(2024) 815 final} - {SWD(2024) 816 final} - {SWD(2024) 817 final} -
{SWD(2024) 819 final} - {SWD(2024) 820 final} - {SWD(2024) 821 final} -
{SWD(2024) 822 final} - {SWD(2024) 823 final} - {SWD(2024) 824 final} -
{SWD(2024) 825 final} - {SWD(2024) 826 final} - {SWD(2024) 827 final} -
{SWD(2024) 828 final} - {SWD(2024) 829 final} - {SWD(2024) 830 final} -
{SWD(2024) 831 final}

RIASSUNT

Il-livell tal-perċezzjoni tal-indipendenza ġudizzjarja fost il-pubbliku ġenerali għadu għoli. Qed jittieħdu passi biex il-ġudikatura tiġi involuta fil-proċedura għall-ħatra tal-Prim Imħallef. Kategoriji addizzjonali ta' prosekuzzjonijiet ġew iddelegati lill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali. Għad hemm tħassib dwar l-indipendenza ta' tribunali speċjalizzati u bdiet il-ħidma biex jiġi indirizzat. Inħatru membri ġodda tal-ġudikatura, filwaqt li għad hemm tħassib dwar il-livell ġenerali tar-riżorsi umani. Il-livell ta' diġitalizzazzjoni tas-sistema ġudizzjarja jeħtieġ titjib sostanzjali. Ir-regolamentazzjoni tal-attivitàjiet tal-avukati għadha qed tiġi diskussa. Kien hemm xi progress ulterjuri fit-twettiq tal-isforzi biex tittejjeb l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja, iżda t-tul tal-proċedimenti għadu sfida.

Ir-rakkomandazzjonijiet kontra l-korruzzjoni maħruġa wara l-inkjesta pubblika dwar il-qtil tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia għadhom ma ġewx implimentati. Kien hemm xi dewmien fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali Kontra l-Frodi u l-Korruzzjoni. Fl-2023 ġew adottati miżuri organizzattivi u leġislattivi biex tittejjeb il-kapaċità tal-awtoritajiet investigattivi u ta' prosekuzzjoni. Filwaqt li r-riżorsi tagħha żdiedu, il-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni ma kisbitx riżultati tanġibbli. Il-miżuri ta' integrità jkomplu japplikaw għas-servizz pubbliku (inklużi uffiċjali tal-pulizija, imħallfin, membri tal-Parlament u uffiċjali ta' grad għoli) filwaqt li daww għal uffiċjali ta' grad għoli ġew rieżaminati, u għad hemm xi tħassib dwar il-firxa tal-miżuri ta' integrità għall-persuni ta' fiduċja. L-awtoritajiet pubbliċi jikkonformaw mar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar. Qed jitħejjew għodod ġodda għall-iżvelar ta' informazzjoni protetta, filwaqt li tqajjem xi tħassib fir-rigward tal-effettività tal-mekkaniżmu eżistenti. Filwaqt li jeżistu miżuri preventivi, il-proċeduri tal-akkwist pubbliku juru riskji għoljin ta' korruzzjoni. L-iskema ta' ċittadinanza b'investiment għadha preokkupanti.

F'Lulju 2023, il-Kumitat ta' Esperti dwar il-Media kkonkluda l-ħidma tiegħu u ppreżenta sett ta' rakkomandazzjonijiet fir-rapport finali tiegħu. Madankollu, sal-lum, għadha ma ġiet adottata l-ebda miżura leġislattiva jew miżura konkreta oħra biex jittejjeb l-ambjent tax-xogħol tal-ġurnalisti u biex jiġi riformat ix-xenarju tal-media. Ma sar l-ebda progress fir-rigward tal-adozzjoni ta' salvagwardji biex jittejjeb l-aċċess għad-dokumenti uffiċjali filwaqt li l-ġurnalisti għadhom qegħdin jiffaċċjaw ostakli meta jitolbu informazzjoni pubblika. Ma kien hemm l-ebda żvilupp biex tissaħħaħ l-indipendenza tal-media tas-servizz pubbliku, biex jiġu stabbiliti kriterji trasparenti għall-allokazzjoni tal-finanzjament pubbliku għall-mezzi tal-media u biex tiġi żgurata allokazzjoni ġusta tar-reklamar mill-Istat.

Filwaqt li kien hemm xi konsultazzjonijiet pubbliċi fil-proċess leġislattiv, ma hemm l-ebda qafas fis-seħħ. L-istabbiliment ta' istituzzjoni tad-drittijiet tal-bniedem għadu pendenti. Il-Konvenzjoni Kostituzzjonali li tħabbret fl-2019 biex tindirizza kwistjonijiet li jikkonċernaw il-ħatra ta' korpi kostituzzjonali u r-rwol tal-Parlament għadha wieqfa. Baqgħu għadejjin l-isforzi mill-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji biex jiġi stabbilit qafas regolatorju ta' appoġġ għas-settur tas-soċjetà ċivili.

RAKKOMANDAZZJONIJIET

B'mod ġenerali, fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet fir-Rapport tal-2023 dwar l-Istat tad-Dritt, Malta:

- Għamlet xi progress fl-indirizzar tal-ħtieġa għall-involviment tal-ġudikatura fil-proċedura għall-ħatra tal-Prim Imhalled, b'kont meħud tal-istandards Ewropej dwar il-ħatriet ġudizzjarji u l-opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja.
- Għamlet xi ftit iktar progress fit-tisħiħ tal-isforzi sabiex ittejjeb l-effiċjenza tal-ġustizzja, b'mod partikolari sabiex jitnaqqas it-tul tal-proċedimenti.
- Għamlet xi progress fl-indirizzar tal-isfidi relatati mat-tul tal-investigazzjonijiet ta' każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli, u ebda progress fuq l-istabbiliment ta' rekord robust ta' sentenzi finali.
- Għamlet xi progress fl-adottazzjoni ta' salvagwardji leġiżlattivi u oħrajn sabiex ittejjeb l-ambjent tax-xogħol tal-ġurnalisti, u ebda progress rigward l-aċċess għal dokumenti uffiċjali, b'kont meħud tal-istandards Ewropej dwar il-protezzjoni tal-ġurnalisti u dwar l-aċċess għal dokumenti uffiċjali.
- Ma għamlet ebda progress fit-tisħiħ tar-regoli u tal-mekkaniżmi sabiex ittejjeb il-governanza indipendenti u l-indipendenza editorjali tal-media tas-servizz pubbliku b'kont meħud tal-istandards Ewropej dwar il-media tas-servizz pubbliku.
- Ma għamlet ebda progress s'issa fl-istabbiliment ta' Istituzzjoni Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem filwaqt li tqiesu l-Prinċipji ta' Pariġi tan-NU.
- Għamlet xi progress fil-parteċipazzjoni pubblika fil-proċess leġiżlattiv, iżda ma ġie stabbilit l-ebda qafas formali.

Fuq il-bażi ta' dan, u meta jitqiesu żviluppi oħra li seħħew fil-perjodu ta' referenza, u minbarra li jifakkru l-impenji rilevanti li ttieħdu skont il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza, huwa rrakkomandat li Malta:

- Tkompli bl-abbozz ta' riforma approvata mill-Gvern biex il-ġudikatura tiġi involuta fil-proċedura għall-ħatra tal-Prim Imhalled.
- Tkompli ssaħħa l-isforzi sabiex ittejjeb l-effiċjenza tal-ġustizzja, inkluż billi ttipprovdi riżorsi addizzjonali, b'mod partikolari sabiex jitnaqqas it-tul tal-proċedimenti.
- Tkompli l-isforzi biex tindirizza l-isfidi relatati mat-tul tal-investigazzjonijiet ta' każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli u żżid l-isforzi biex tistabbilixxi rekord robust ta' sentenzi finali.
- Tadotta salvagwardji leġiżlattivi u oħrajn sabiex ittejjeb l-ambjent tax-xogħol tal-ġurnalisti, inkluż dwar l-aċċess għal dokumenti uffiċjali, b'kont meħud tal-istandards Ewropej dwar il-protezzjoni tal-ġurnalisti u dwar l-aċċess għal dokumenti uffiċjali.
- Issaħħa ir-regoli u l-mekkaniżmi sabiex ittejjeb il-governanza indipendenti u l-indipendenza editorjali tal-media tas-servizz pubbliku b'kont meħud tal-istandards Ewropej dwar il-media tas-servizz pubbliku.
- Iżżid il-miżuri biex tistabbilixxi Istitut Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem b'kont meħud tal-Prinċipji ta' Pariġi tan-NU.
- Tintroduċi qafas formali għall-parteċipazzjoni pubblika fil-proċess leġiżlattiv.

I. IS-SISTEMA ĠUDIZZJARJA

Is-sistema ġudizzjarja Maltija hija influwenzata kemm mit-tradizzjonijiet legali kontinentali kif ukoll mid-dritt komuni. Il-ġudikatura hija maqsuma fil-Qrati Superjuri u dawk Inferjuri. Il-Qrati Superjuri huma magħmulin minn imħallfin u jinkludu l-Qorti Ċivili, il-Qorti Kriminali, il-Qorti tal-Appell, il-Qorti tal-Appell Kriminali u l-Qorti Kostituzzjonali. Il-Qrati Inferjuri huma magħmulin minn maġistrati u jinkludu l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex). Il-kap tal-ġudikatura huwa l-Prim Imħallef li jippresiedi wkoll il-Qorti Kostituzzjonali. L-imħallfin u l-maġistrati jinħatru mill-President ta' Malta li jaġixxi skont ir-rakkomandazzjoni magħmula mill-Kumitat għall-Ħatriet Ġudizzjarji. Il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja tissorvelja l-ħidma tal-qrati superjuri u inferjuri kollha¹. Jeżistu għadd ta' tribunali speċjalizzati, li jiddeċiedu f'oqsma speċifiċi. Fl-2019 ġie stabbilit Servizz ta' Prosekuzzjoni għal kollox separat. Malta tipparteċipa fl-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE). Il-Kamra tal-Avukati hija korp professjonali indipendenti u awtoregolat tal-avukati.

Indipendenza

Il-livell tal-perċezzjoni tal-indipendenza ġudizzjarja f'Malta għadu għoli kemm fost il-pubbliku ġenerali kif ukoll fost il-kumpaniji. Kumplessivament, 65 % tal-popolazzjoni ġenerali u 57 % tal-kumpaniji jipperċepixxu l-livell ta' indipendenza tal-qrati u tal-imħallfin bħala “pjuttost tajba jew tajba ħafna” fl-2024². Il-perċezzjoni tal-indipendenza ġudizzjarja fost il-pubbliku ġenerali naqset bi ftit meta mqabbla mal-2023 (66 %), għalkemm għadha ogħla mqabbla mal-2020 (52 %). Il-livell perċepit ta' indipendenza ġudizzjarja fost il-kumpaniji naqas meta mqabbel mal-2023 (65 %) iżda għadu ogħla meta mqabbel mal-2020 (48 %)³.

Sar xi progress rigward l-involviment tal-ġudikatura fil-proċedura għall-ħatra tal-Prim Imħallef. Ir-Rapport tal-2023 dwar l-Istat tad-Dritt irrakkomanda lil Malta biex “[t]ieħu passi biex tindirizza l-ħtieġa għall-involviment tal-ġudikatura fil-proċedura għall-ħatra tal-Prim Imħallef, filwaqt li tqis l-istandards Ewropej dwar il-ħatriet ġudizzjarji u l-opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja”⁴. Skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 96(3) tal-Kostituzzjoni,

¹ Il-Kummissjoni hija magħmula minn għaxar membri: il-President ta' Malta, bħala President (li jkollu biss vot deċiżiv f'każ ta' voti ndaqs); il-Prim Imħallef, bħala Viċi President; l-Avukat Ġenerali; żewġ membri eletti minn fost l-Imħallfin tal-Qrati Superjuri; żewġ membri eletti minn fost il-Maġistrati tal-Qrati Inferjuri; membru wieħed maħtur mill-Prim Ministru u membru wieħed maħtur mill-Mexxej tal-Oppożizzjoni; u l-President tal-Kamra tal-Avukati. Ta' min jinnota li l-għadd ta' mħallfin, membri tal-Kummissjoni, li jintgħażlu mill-pari tagħhom jiffirma inqas nofs il-membri totali tal-Kummissjoni. Illustrazzjoni 57, Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2024.

² L-Illustrazzjonijiet 51 u 53, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2024, u l-Illustrazzjonijiet 50 u 52, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2022. Il-livell perċepit ta' indipendenza ġudizzjarja huwa kategorizzat kif ġej: baxx ħafna (inqas minn 30 % ta' daww li wiegħbu jqisu l-indipendenza ġudizzjarja bħala pjuttost tajba u tajba ħafna); baxxa (bejn 30-39 %), medja (bejn 40-59 %), għolja (bejn 60-75 %), għolja ħafna (aktar minn 75 %).

³ 79 % tal-kumpaniji f'Malta huma pjuttost jew kunfidenti ħafna li l-investimenti tagħhom huma protetti mill-liġi u l-qrati fl-Istat Membru. 7 % biss tal-kumpaniji mistħarrġa jaraw il-kwalità, l-effiċjenza jew l-indipendenza tal-ġustizzja bħala waħda mir-raġunijiet ewlenin għat-tħassib dwar il-protezzjoni tal-investment fil-pajjiż. Illustrazzjonijiet 55 u 56, Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE 2024.

⁴ Ir-Rapport tal-2023 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt f'Malta, p. 3-4. Fl-2023, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kien sar “l-ebda progress” fuq din ir-rakkomandazzjoni li kienet diġà inklusa fir-Rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 2.

il-Prim Imħallef jinħatar mill-President li jaġixxi skont riżoluzzjoni tal-Parlament adottata b'maġġoranza ta' żewġ terzi. Kif indikat f'Rapporti preċedenti dwar l-Istat tad-Dritt⁵, jenħteġ li l-ġudikatura fil-prinċipju tkun involuta fil-ħatra tal-Prim Imħallef⁶, meta jitqiesu d-diversi rwoli li l-Prim Imħallef għandu fis-sistema ġudizzjarja⁷. Għalkemm il-Prim Imħallef igawdi kemm minn indipendenza kostituzzjonali kif ukoll istituzzjonali mis-setgħat eżekuttivi u leġislattivi, u r-regoli ta' gwida għat-tneħħija tal-Prim Imħallef mill-kariga huma previsti mill-Kostituzzjoni⁸, xi partijiet ikkonċernati saħqu fuq it-tħassib tagħhom dwar il-proċedura attwali għall-ħatra tal-Prim Imħallef⁹. Il-Gvern ikkomunika l-intenzjoni tiegħu li jinvolvi l-ġudikatura fil-proċedura għall-ħatra tal-Prim Imħallef. B'mod partikolari, il-Gvern approva riforma kostituzzjonali, li se tagħti mandat għal konsultazzjonijiet mal-Prim Imħallef fil-kariga (li għandu obbligi statutorji fir-rappreżentanza tal-ġudikatura) qabel il-ħatra ta' Prim Imħallef ġdid. L-abbozz ta' liġi se jitressaq quddiem il-Parlament fix-xhur li ġejjin¹⁰. Abbażi ta' dan l-iżvilupp, qed jittieħdu passi biex il-ġudikatura tiġi involuta fil-proċedura għall-ħatra tal-Prim Imħallef, u għalhekk sar xi progress fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni li saret fis-snin preċedenti.

It-trasferiment ta' ċerti tipi ta' prosekuzzjonijiet lill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali miexi 'l quddiem. It-trasferiment tal-prosekuzzjoni ta' kawżi mhux sommarji¹¹ mill-pulizija lill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali kompli fl-aħħar sena, b'segwitu tal-impenji skont il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP)¹². F'Settembru 2023, ġiet konkluża r-raba' fażi tat-

⁵ Ir-Rapport tal-2023 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt f'Malta, p. 3-4; Ir-Rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt f'Malta, p. 3-4; Ir-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt f'Malta, p. 3. Barra minn hekk, ir-Rapporti preċedenti dwar l-Istat tad-Dritt semmew l-indikazzjoni li ġejja mill-Kummissjoni ta' Venezja biex jiġi introdott mekkaniżmu kontra l-imblokk għall-ħatra tal-Prim Imħallef (l-opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja (CDL-AD(2020)019)). F'dan ir-rigward, ara r-Rapport tal-2023 dwar l-Istat tad-Dritt, il-kapitolu tal-pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt f'Malta, p. 4. Ir-Rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt f'Malta, p. 4. Ir-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt f'Malta, p. 3.

⁶ Fil-prinċipju, jekk is-setgħa leġislattiva tieħu deċiżjonijiet dwar l-għażla tal-imħallfin, jenħteġ li l-opinjoni ta' awtorità indipendenti meħuda f'parti sostanzjali mill-ġudikatura tiġi segwita mill-awtorità tal-ħatra (ir-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2010)12 tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa, il-paragrafu 47).

⁷ Il-Prim Imħallef huwa l-President tal-Qorti Kostituzzjonali u l-President tal-Qorti tal-Appell (jippresjedi fiż-żewġ bordijiet tal-appell); iwettaq responsabbiltajiet importanti fl-amministrazzjoni tas-sistema ġudizzjarja bħall-presidenza tal-Kumitat għall-Ħatriet Ġudizzjarji; huwa membru tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja responsabbli għad-dixxiplina ġudizzjarja u huwa inkarigat li jibda proċeduri dixxiplinari kontra membri tal-ġudikatura (kif inhu l-Ministru tal-Ġustizzja). Fit-teorija, anki persuni mhux imħallfin jistgħu jinħatru fil-kariga, madankollu, fil-prattika, il-persuna li tokkupa l-pożizzjoni ta' Prim Imħallef dejjem kienet avukat jew imħallef ta' esperjenza.

⁸ Kontributi bil-miktub mill-Gvern Malti fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta, p. 1-3.

⁹ Kontributi mill-Fondazzjoni Aditus għar-Rapport tal-2024 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 11-12; Kontributi bil-miktub mill-Fondazzjoni Repubblika u Daphne Caruana Galizia fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta.

¹⁰ Kontributi bil-miktub mill-Gvern Malti, p. 1, u l-anness għall-istess kontribut, p. 1.

¹¹ Dawn jirrigwardaw kawżi mhux sommarji, li huma kawżi punibbli b'piena ta' aktar minn sentejn priġunerija.

¹² Ir-Rapport tal-2023 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt f'Malta, p. 4. Ara l-RRP C6.R.2, l-oġettiv intermedju 6.8, li jipprovi t-trasferiment tal-kawżi mhux sommarji kollha lill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali sa tmiem l-2024. Dan se jiġi segwit minn studju dwar it-trasferiment ta' kawżi sommarji (l-oġettiv intermedju 6.5 li għandu jitlesta sa tmiem l-2024), segwit minn emendi leġislattivi (l-oġettiv intermedju 6.6 li għandu jitlesta sal-ewwel kwart tal-2026). Fl-istess kuntest, l-awtoritajiet qed jaħdmu fuq proġett bl-isem ta' "Avukat Ġenerali u Avukat tal-Istat f'Malta – Implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni ta' riorganizzazzjoni tal-uffiċċji", li d-data tal-bidu tiegħu hija l-1 ta'

tranżizzjoni¹³. Mill-1 ta' Ottubru 2023, l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali għandu s-setgħa li jieħu d-deċiżjoni li jiprosegwixxi reati addizzjonali quddiem il-qorti inferjuri¹⁴. Minn Lulju 2023 sa Frar 2024, 8 avukati addizzjonali u 2 membri tal-persunal amministrattiv ingħaqdu mal-Uffiċċju. B'riżultat ta' dan, mill-1 ta' Marzu 2024, fl-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali kien hemm b'kollox 95 impjegat, li minnhom 69 huma prosekuturi u 26 huma membri tal-persunal amministrattiv u ta' appoġġ¹⁵.

Jenħtieġ li t-tiġdid tar-reġim dixxiplinari għall-prosekuturi jiġi diskuss mit-tieni nofs tal-2024. Ir-Rapport tal-2023 dwar l-Istat tad-Dritt¹⁶ innota li, f'Diċembru 2022, kien ġie introdott reġim dixxiplinari għall-prosekuturi, li stabbilixxa livelli differenti ta' reati dixxiplinari kif ukoll il-proċedura li għandha tiġi segwita. L-awtoritajiet Maltin iċċaraw li, f'konformità mal-prinċipji ġenerali tal-liġi ċivili u l-kostituzzjonali nazzjonali, għalkemm ma hemm l-ebda referenza espliċita għal appell quddiem qorti tal-ġustizzja, prosekutur xorta jista' jikkontesta deċiżjoni tat-tieni istanza adottata mill-Bord tal-Appell quddiem il-qorti. Barra minn hekk, huma spjegaw li l-proċedimenti dixxiplinari huma kunfidenzjali (filwaqt li skont standards Ewropej għandhom fil-prinċipju jinżammu fil-pubbliku)¹⁷. L-awtoritajiet Maltin iddikjaraw ukoll li d-diskussjonijiet għat-tiġdid tar-reġim dixxiplinari għall-prosekuturi (li l-validità tagħhom mistennija tiskadi fi tmiem l-2024) se jibdeu fit-tieni nofs tal-2024¹⁸.

Għad hemm tħassib dwar l-indipendenza ta' tribunali speċjalizzati u bdew ix-xogħlijiet biex jindirizzawhom. Ġiet imtennija l-kritika rigward l-indipendenza tat-tribunali

Settembru 2023 u d-data tat-tmiem il-31 ta' Awwissu 2025. Il-proġett, iffinanzjat mill-fondi tal-UE, jinkludi sensiela ta' attivitajiet ta' bini tal-kapaċità u jappoġġa t-tfassil ta' sistema ta' ġestjoni tal-każijiet għal kull uffiċċju, u b'hekk jikkontribwixxi għall-oġettivi tal-miżura C6.R.2.

¹³ L-adozzjoni ta' emendi leġislattivi għal-Leġislazzjoni Sussidjarja 90.01 tal-Liġijiet ta' Malta tar-Regolamenti dwar Prosekuzzjoni ta' Reati, introdotti fid-29 ta' Settembru 2023 permezz tar-Regolamenti dwar Prosekuzzjoni ta' Reati (Dispożizzjonijiet Transitorji) (Emenda), 2023 (Avviż Legali 225 tal-2023). Il-ħames fażi tat-tranżizzjoni se ssir fl-1 ta' Ottubru 2024, meta l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali se jieħu f'idejh każijiet addizzjonali mill-pulizija. Fl-2025, se jitwettaq studju indipendenti biex jiġi vvalutat it-tehdid f'idejh ta' każijiet sommarji (ara l-oġettiv intermedju tal-RRP C.6.R2-MT6.5).

¹⁴ Kontribut minn Malta għar-Rapport tal-2024 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 11-12. B'mod partikolari, l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali issa għandu wkoll is-setgħa li jieħu d-deċiżjoni li jħarrek ir-reati li ġejjin: a) offiża gravi fuq il-persuna; offiża gravi fuq il-persuna b'armi regolari; każijiet oħra ta' ħsara gravi fuq il-persuna; offiża gravi fuq il-persuna li minnha tirriżulta l-mewt; b) omiċidju involontarju; omiċidju involontarju waqt serq jew attentat ta' serq; c) infantiċidju; d) segwiment ta' persuna bil-moħbi li jinvolvi biża' ta' vjolenza, allarm serju jew diffikultà; e) serq aggravat; f) reati kontra l-Att dwar l-Interess Nazzjonali (Poteri Abilitanti); g) reati kontra l-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tas-Sajd; h) tentattivi jew reat ta' assoċjazzjoni jew kompliċità fir-reati msemmija hawn fuq.

¹⁵ Kontribut bil-miktub mill-Gvern fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fis-Slovenja, p. 9.

¹⁶ Ir-Rapport tal-2023 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt f'Malta, p. 5.

¹⁷ Ir-Rapport tal-2023 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt f'Malta, p. 5.

¹⁸ Kontribut bil-miktub mill-Gvern fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fis-Slovenja, p. 14. L-awtoritajiet Maltin infurmaw ukoll li, fit-3 ta' Ġunju 2024, il-Gvern iffirma l-ewwel ftehim kollettiv għall-persunal tal-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat, li jinkludi pakkett finanzjarju komprensiv li joffri benefiċċji sostanzjali lill-persunal u jqis iċ-ċirkostanzi tal-familja tal-avukati, bl-għan li jtejbja l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u l-benesseri ġenerali tagħhom. L-oġettiv ta' dan il-ftehim huwa li jtejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol u s-sodisfazzjon tal-impjeg tal-persunal tal-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat u għalhekk ikompli jsaħħaħ il-kapaċità tal-istituzzjoni li taqdi lill-Istat b'mod effettiv.

speċjalizzati, speċjalment fir-rigward tas-sistema tal-ħatra tal-membri tagħhom¹⁹. Kif indikat fir-Rapport tal-2023 dwar l-Istat tad-Dritt²⁰, fil-kuntest tal-RRP, il-Gvern impenja ruħu li jirrieżamina l-indipendenza tat-tribunali speċjalizzati, fi djalogu mal-Kummissjoni ta' Venezja²¹. F'konformità mal-impenji rilevanti skont l-RRP, l-awtoritajiet nedew proċeduri ta' akkwist pubbliku għall-għażla ta' kuntrattur indipendenti biex jivvalutaw l-indipendenza ta' tribunali speċjalizzati²², bil-ħsieb li jadottaw kwalunkwe riforma meħtieġa.

Kwalità

Minkejja żieda ulterjuri fl-għadd ta' membri tal-ġudikatura, għad hemm tħassib dwar ir-riżorsi umani. Malta għad għandha wieħed mill-aktar proporzjonijiet baxxi ta' membri tal-ġudikatura per capita fost il-pajjiżi tal-UE²³. F'dan l-isfond, l-awtoritajiet qed jagħmlu progress fir-reklutaġġ ta' mħallfin u maġistrati ġodda. B'mod ġenerali, kien hemm żieda ta' ħames membri tal-ġudikatura (imħallf wieħed u erba' maġistrati) fil-grad tagħhom²⁴. Il-partijiet ikkonċernati rrapportaw li l-għadd ta' mħallfin madankollu għadu mhux biżżejjed biex jittratta l-għadd dejjem jikber ta' kawżi mressqa quddiem il-qrati Maltin²⁵. F'Ottubru 2023, il-Prim Imħallf iddikjara li l-għadd ta' mħallfin u maġistrati, ir-riżorsi umani ġenerali, il-bini disponibbli, u l-liġijiet proċedurali, mhumiex biżżejjed biex ikopru l-ammont ta' xogħol attwali²⁶. F'Novembru 2023, l-Assoċjazzjoni tal-Imħallfin u tal-Maġistrati ħarġet dikjarazzjoni li twissi li s-sistema ġudizzjarja kienet “*fix-xifer tal-kollass*” minħabba nuqqas persistenti ta' riżorsi, persunal u investment²⁷. Il-fehma espressa kemm mill-Prim Imħallf kif ukoll mill-Assoċjazzjoni tal-Imħallfin u l-Maġistrati hija kondiviża minn partijiet

¹⁹ Ara l-kontribut mill-Kunsill tal-Istat għar-Rapport tal-2024 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 13. Ir-Rapport tal-2023 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt f'Malta, p. 5-6.

²⁰ Ir-Rapport tal-2023 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt f'Malta, p. 5-6. Ara wkoll ir-Rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt f'Malta, pp. 5-6.

²¹ Ara l-RRP C6.R.1, l-oġettiv intermedju 6.3: “Għandu jiġi ingaġġat kuntrattur indipendenti permezz tal-proċeduri ta' akkwist pubbliku, sabiex tiġi vvalutata l-indipendenza tat-tribunali speċjalizzati fil-livell nazzjonali. Din il-valutazzjoni għandha titwettaq f'komunikazzjoni mal-Kummissjoni ta' Venezja tal-Kunsill tal-Ewropa”. L-oġettiv intermedju 6.4 imbagħad jipprovi, sal-ewwel kwart tal-2026, l-emendi leġiżlattivi biex jitqies l-eżitu tal-valutazzjoni.

²² Il-valutazzjoni tal-kuntrattur indipendenti se tinkludi (i) il-garanziji tal-indipendenza għall-ħatriet tal-membri fi tribunali speċjalizzati, (ii) il-garanziji li jipprevedu li d-deċiżjonijiet tat-tribunali jiġu rieżaminati bis-sħiħ mill-qrati ordinarji tal-appell, u (iii) rakkomandazzjonijiet ta' politika konkreti u preċiżi. Il-valutazzjoni trid tiġi ffinalizzata sal-31 ta' Diċembru 2024.

²³ L-Illustrazzjoni 37, Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2024. Fl-2022, Malta kellha 9 imħallfin għal kull 100 000 abitant.

²⁴ Kontribut minn Malta għar-Rapport tal-2024 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 7. Għalhekk, minn Mejju 2024, il-membri tal-ġudikatura huma 57, jiġifieri l-Prim Imħallf, 27 imħallf u 29 maġistrat. Kontribut bil-miktub mill-Gvern fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta, p. 3. Ġew espressi dubji dwar l-impatt reali ta' din iż-żieda fuq l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja, peress li xi wħud mill-maġistrati addizzjonali se jkunu inkarigati mill-attivitajiet ta' inkjesti, u għalhekk mhux se jkunu involuti fid-dispożizzjoni tal-kawżi. Informazzjoni riċevuta fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta mill-Assoċjazzjoni tal-Imħallfin u l-Maġistrati.

²⁵ Kontribut bil-miktub mill-Kamra tal-Avukati fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta, p. 1; Kontributi mill-Fondazzjoni Aditus (p. 13) u Repubblika (p. 14) għar-Rapport tal-2024 dwar l-Istat tad-Dritt.

²⁶ Il-Prim Imħallf (2023), Diskors mogħti fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni tas-sena ġudizzjarja 2023-2024.

²⁷ Times of Malta (2023), Judiciary slams authorities' 'persistent failures', warns system near 'collapse'; Informazzjoni kkonfermata mill-Assoċjazzjoni tal-Imħallfin u tal-Maġistrati fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta.

ikkonċernati ohra²⁸. Skont id-*data* fit-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2024, in-nefqa totali fuq il-ġustizzja f'Malta żdiedet matul dawn l-aħħar snin²⁹.

L-Istrateġija dwar il-Ġustizzja Diġitali 2022–2027 bħalissa qed tiġi implimentata u, għalhekk, id-diġitalizzazzjoni tas-sistema ġudizzjarja teħtieġ aktar ħidma ta' implimentazzjoni. Kif indikat fir-Rapport tal-2023 dwar l-Istat tad-Dritt³⁰, l-awtoritajiet bdew l-implimentazzjoni tal-Istrateġija dwar il-Ġustizzja Diġitali (2022-2027), li tistabbilixxi pjan direzzjonali lejn it-tranżizzjoni lejn sistema ġudizzjarja kompletament diġitalizzata. F'dan il-kuntest, l-investimenti li għaddejjin bħalissa³¹ jinkludu l-immappjar tal-proċess u t-tfassil mill-ġdid tal-proċeduri ġudizzjarji biex jiġu implimentati proċessi diġitali u tiġi żviluppata Sistema ta' Ġestjoni tal-Infurmazzjoni tal-Qorti³². Għalkemm ġew approvati diversi atti leġislattivi, bil-ħsieb li jiġu diġitalizzati bis-sħiħ kemm is-sistema kriminali³³ kif ukoll dik ċivili³⁴, il-partijiet ikkonċernati enfasizzaw li l-livell ta' diġitalizzazzjoni għad irid jittejjeb b'mod konsiderevoli³⁵. Din il-pożizzjoni hija konformi mad-*data* fit-Tabella ta'

²⁸ Kontribut bil-miktub mill-Kamra tal-Avukati (p. 1) u l-Fondazzjoni Daphne Caruana Galizia (pp. 1-2) fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta; Kontribut mill-Fondazzjoni Aditus (p. 13), Repubblika (p. 14) u Qrati tal-Ġustizzja ta' Malta (p. 12) għar-Rapport tal-2024 dwar l-Istat tad-Dritt.

²⁹ In-nefqa totali fuq il-qrati għal kull abitant żdiedet minn EUR 65 fl-2018 għal EUR 136 fl-2022 (l-illustrazzjoni 32, Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2024); barra minn hekk, f'termini ta' perċentwal tal-PDG, in-nefqa żdiedet minn 0.24 % fl-2018 għal 0.41 % fl-2022 (l-illustrazzjoni 33, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2024).

³⁰ Ir-Rapport tal-2023 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt f'Malta, p. 6-7.

³¹ L-investimenti huma parzjalment iffinanzjati mill-RRP C6.I1, l-oġettiv intermedju 6.38.

³² Dawn li ġejjin huma l-funzjonalitajiet ewlenin tas-Sistema ta' Infurmazzjoni dwar il-Ġestjoni tal-Qorti online li tistabbilixxi l-bażi għal sistema ta' qorti online. i) Preżentazzjoni elettronika u Scanning tad-Dokumenti: is-sistema se taċċetta l-preżentazzjoni elettronika/online ta' dokumenti mill-pubbliku ġenerali, l-avukati, il-partijiet, l-esperti tal-qorti u partijiet ikkonċernati oħra; ii) Repożitorju referenzjat ta' media u dokumenti elettroniċi: se jipprovi għall-ħżin, l-irkupru u l-kondiviżjoni tad-dokumenti b'mod elettroniku, u se jipprovi għodod għall-ġestjoni tal-infurmazzjoni dwar il-każijiet; iii) Ġbir ta' Statistika u Rapporti: is-sistema se ttipprovi funzjonalitajiet ta' rapportar komprensivi li se jippermettu l-personalizzazzjoni għal utenti awtorizzati, u l-estrazzjoni ta' kwalunkwe *data* relatata; iv) Servizz elettroniku biex jappoġġa n-notifika nazzjonali u transfruntiera tad-dokumenti tal-qorti, is-seduti tal-qorti, id-dati tal-vidjokonferenzi, id-digriet lill-partijiet ikkonċernati u lill-professjonisti legali b'mod elettroniku; v) Firem elettroniċi; vi) Pagament elettroniku għal tariffi jew multi tal-qorti; vii) Aċċess mill-Bogħod għad-dokumenti u mill-partijiet u partijiet interessati oħra; viii) Parteċipazzjoni remota matul is-seduti ta' smigħ. Kontribut bil-miktub mill-Gvern Malti fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta, p. 1-2.

³³ L-awtoritajiet Maltin iċċaraw li: i) l-atti kriminali kollha issa jistgħu jiġu ppreżentati online; ii) proċedimenti, ġuriji u appelli kriminali qed jiġu skennjati f'formati li jinqraw mill-magni sabiex ikunu jistgħu jintużaw għal faċilitajiet ta' tiftix u ġbir ta' data; iii) id-dokumenti, id-digriet, is-sentenzi, it-traskrizzjonijiet tal-evidenza, il-minuti tal-każ, l-aġġornamenti, il-bejgħ ġudizzjarju permezz ta' rkanti, ir-reġistri tal-insolvenza huma disponibbli fuq is-sit web tal-qorti. Kontribut bil-miktub mill-Gvern fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta, p. 6.

³⁴ L-awtoritajiet Maltin iċċaraw li l-proċess ċivili jinsab fi stadju aktar avanzat ta' diġitalizzazzjoni mill-proċess kriminali, peress li l-biċċa l-kbira tal-atti jistgħu jiġu ppreżentati online, il-partijiet jistgħu jsejgħu l-każ tagħhom permezz ta' applikazzjoni online (L-Atti Tiegħi) li hija aċċessibbli permezz tal-e-courts.gov.mt, u s-sistema attwali ta' ġestjoni tal-kawżi hija inkorporata fil-qrati ċivili kollha li tiffaċilita l-irkupru tad-*data* tal-kawżi. Kontribut bil-miktub mill-Gvern Malti fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta, p. 6-7.

³⁵ Infurmazzjoni riċevuta fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta mill-Kamra tal-Avukati u l-Fondazzjoni Aditus; Kontribut bil-miktub mill-Kamra tal-Avukati fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta, p. 2.

Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2024, fejn Malta tinsab 'l isfel fil-biċċa l-kbira tal-kategoriji li jikkonċernaw l-użu ta' għodod elettroniċi fis-settur tal-ġustizzja³⁶.

Ir-regolamentazzjoni tal-attivitajiet tal-avukati għadha qed tiġi diskussa. Kif indikat fir-Rapport tal-2023 dwar l-Istat tad-Dritt³⁷, ġie stabbilit grupp ta' ħidma, li jinkludi s-servizzi tal-gvern rilevanti u rappreżentanti mill-Kamra tal-Avukati³⁸, biex jabbozza Att dwar l-Avukati, jiġifieri att immirat lejn l-istabbiliment ta' qafas regolatorju għall-attivitajiet tal-avukati f'Malta³⁹. Id-diskussjonijiet għadhom għaddejjin⁴⁰.

Effiċjenza

Minkejja xi titjib, it-tul tal-proċedimenti għadu ta' tħassib. Skont id-*data* fit-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2024, fl-2022, iż-żmien għad-dispożizzjoni għall-kawżi ċivili u kummerċjali tal-prim'istanza, minkejja li naqas b' 38 jum meta mqabbel mal-2021, baqa' fost l-aktar twal fl-UE, bħal fl-2022, xorta waħda ħa 491 jum biex jiġu solvuti każijiet bħal dawn⁴¹. Skont il-Kummissjoni Ewropea tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Effiċjenza tal-Ġustizzja (CEPEJ), fl-2022, iż-żmien għad-dispożizzjoni għall-kawżi kriminali tal-prim'istanza rreġistra tnaqqis, li kien ta' 527 jum meta mqabbel ma' 566 jum fl-2021⁴². Il-ġustizzja amministrattiva rreġistrat titjib (iż-żmien stmat meħtieġ biex jiġu solvuti kawżi amministrattivi tal-prim'istanza fl-2022 naqas b' 275 jum meta mqabbel mal-2021, jiġifieri 1 081 meta mqabbel ma' 1 356 jum)⁴³, filwaqt li xorta jibqa' l-aktar twil fl-UE. Il-partijiet ikkonċernati tennew it-tħassib tagħhom fir-rigward tat-tul tal-proċedimenti tal-qorti⁴⁴. Barra minn hekk, ix-xogħol b'lura ta' kawżi pendenti kompli jiddeterjora. Skont id-*data* fit-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2024, ir-rata ta' Malta li ssolvi kawżi ċivili, kummerċjali, amministrattivi u oħrajn (prim'istanza) fl-2022 kienet ugwali għal 87 % (meta mqabbla ma' 89 % fl-2021)⁴⁵. Fl-2022, ir-rata tal-ikklijar tgiebet fir-rigward ta' kawżi kriminali (prim'istanza) li tammonta għal 92.8 % (meta mqabbla ma' 87.7 % fl-2021⁴⁶).

³⁶ Skont it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2024, dan japplika għal a) id-disponibbiltà ta' informazzjoni online dwar is-sistema ġudizzjarja għall-pubbliku ġenerali (illustrazzjoni 42), b) l-użu tat-teknoloġija diġitali mill-qrati u mis-servizz tal-prosekuzzjoni (illustrazzjoni 44), c) għodod ta' komunikazzjoni elettronika mill-qrati u mis-servizz tal-prosekuzzjoni (figuri 45-46), u d) arranġamenti għall-produzzjoni ta' deċizzjonijiet ġudizzjarji li jinqraw minn magna (illustrazzjoni 50).

³⁷ Ir-Rapport tal-2023 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt f'Malta, p. 5-6. Ara wkoll ir-Rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt f'Malta, pp. 5-6.

³⁸ Il-Kunsill il-ġdid tal-Kamra tal-Avukati nħatar fit-23 ta' Awwissu 2023 għal perjodu ta' tliet snin (kontribut minn Malta għar-Rapport tal-2024 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 17) u qed ikompli d-diskussjonijiet mal-Gvern (informazzjoni riċevuta fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta mill-Kamra tal-Avukati).

³⁹ Il-professjoni legali hija diġà rregolata permezz tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (il-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja taħtha, l-Att tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja (il-Kapitolu 369 tal-Liġijiet ta' Malta), l-Att dwar il-Pulizija (il-Kapitolu 10 tal-Liġijiet ta' Malta) u l-Kodiċi tal-Etika u l-Imġiba għall-Avukati.

⁴⁰ Kontribut bil-miktub mill-Kamra tal-Avukati fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta, p. 2.

⁴¹ L-Illustrazzjoni 6, Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2024. F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li l-għadd ta' kawżi ċivili u kummerċjali tal-prim'istanza li deħlin għal kull 100 abitant kien stabbli bejn l-2021 u l-2022 (2.0 fl-2022 meta mqabbel ma' 1.9 fl-2021; l-illustrazzjoni 3, Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2024).

⁴² Ara CEPEJ (2024), Study on the functioning of the judicial systems in the EU Member States.

⁴³ L-Illustrazzjoni 8, Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2024.

⁴⁴ Kontribut bil-miktub mill-Kamra tal-Avukati fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta, p. 1.

⁴⁵ L-Illustrazzjoni 10, Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2024.

⁴⁶ Ara CEPEJ (2024), Study on the functioning of the judicial systems in the EU Member States.

Dawn il-perċentwali jindikaw li, fuq bażi annwali, l-għadd ta' kawżi solvuti huwa inqas min-numru ta' kawżi ġodda. Fl-2022, l-għadd ta' kawżi pendenti tal-prim'istanza għal kull 100 000 abitant kompli jizzied: b'mod partikolari, kien ugwali għal 2.4 għall-kawżi ċivili u kummerċjali (kontra 2.1 fl-2021)⁴⁷ u 3.17 għall-kawżi kriminali (kontra 3.06 fl-2021)⁴⁸.

Kien hemm xi progress ulterjuri fit-twettiq tal-isforzi biex tittejjeb l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja. Ir-Rapport tal-2023 dwar l-Istat tad-Dritt irrakkomanda lil Malta biex “[t]kompli ssaħħa l-isforzi sabiex ittejjeb l-effiċjenza tal-ġustizzja, b'mod partikolari sabiex jitnaqqas it-tul tal-proċedimenti”⁴⁹. Reviżjoni reċenti tar-regoli proċedurali quddiem il-Qrati tal-Appell, li tippermetti li l-każijiet jipproċedu bis-sentenza permezz ta' proċedura bil-miktub, wasslet għal titjib sinifikanti fl-effiċjenza tal-Qrati tal-Appell⁵⁰. Il-Gvern qed jaħdem ukoll kemm fuq l-aspetti legali kif ukoll fuq dawk amministrattivi biex jistabbilixxi Qorti Kummerċjali kompluta⁵¹. L-abbozz ta' liġi rilevanti ser jiġi ppreżentat lill-Kabinett tal-Ministri u sussegwentement jitressaq quddiem il-Parlament, b'adozzjoni mistennija sa tmiem l-2024⁵². Ir-riforma għandha l-għan li ssaħħa l-ispeċjalizzazzjoni tal-imħallfin, li – kif ikkonfermat mill-partijiet ikkonċernati⁵³ – hija essenzjali biex tittejjeb l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja, minkejja li partijiet ikkonċernati oħra huma tal-fehma li r-riforma ma tipproduċix effetti ta'għibbli, peress li l-imħallfin tal-Qorti Kummerċjali diġà huma mħallfin fil-qrati ċivili li jittrattaw kawżi kummerċjali⁵⁴. Il-Gvern nieda wkoll konsultazzjoni pubblika dwar ir-riforma tal-kompilazzjoni tal-evidenza, li tippredvi li i) il-proċeduri ta' kumpilazzjoni⁵⁵ se jiddependu aktar fuq id-dokumenti milli fuq l-evidenza orali⁵⁶, ii) il-kompilazzjoni tal-

⁴⁷ L-Illustrazzjoni 14, Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2024. L-għadd ta' kawżi amministrattivi pendenti huwa stabbli għal 0.1 (Illustrazzjoni 15, Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2024).

⁴⁸ Ara CEPEJ (2024), Study on the functioning of the judicial systems in the EU Member States.

⁴⁹ Ir-Rapport tal-2023 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt f'Malta, p. 2. Fl-2023, il-Kummissjoni kkonkludiet li kien sar “xi progress” fuq din ir-rakkomandazzjoni diġà inkluża fir-Rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt.

⁵⁰ Kontribut minn Malta għar-Rapport tal-2024 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 8. Ara wkoll il-kontribut bil-miktub mill-Kamra tal-Avukati fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta, p. 1.

⁵¹ Il-Qrati Kummerċjali jaġixxu bħala Qorti tal-prim'istanza f'kawżi kummerċjali. L-awtoritajiet Maltin iċċaraw li l-intenzjoni tagħhom hija li jkollhom żewġ imħallfin jippresiedu l-Qorti Kummerċjali (għalkemm hija l-prerogattiva tal-Prim Imħallef li jassenja l-membri tal-ġudikatura lil din il-Qorti). Il-Qorti se jkollha wkoll il-persunal tagħha stess, li jinkludi l-Avukat tal-Qorti, id-deputat reġistratur, l-assistent ġudizzjarju, l-iskrivani u messaġġieri tal-qorti. Il-Qorti se jkollha wkoll ir-reġistru tagħha stess għall-preżentazzjoni ta' atti ġudizzjarji. Kontribut bil-miktub mill-Gvern Malti fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta, p. 9-10.

⁵² Informazzjoni rċevuta fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta mill-Ministeru għall-Ġustizzja. Bħallissa għaddejjin ukoll pjanijiet biex jiġi identifikat bini li jkun mgħammar b'teknoloġija mill-aktar avvanzata, minimu ta' żewġ awli tal-qorti, żona ta' akkoljenza, reġistru kummerċjali, u awli għall-imħallfin kif ukoll uffiċċji għall-persunal ta' appoġġ. Kontribut minn Malta għar-Rapport tal-2024 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 10-11.

⁵³ Informazzjoni rċevuta fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta mill-Prim Imħallef u l-Kamra tal-Avukati.

⁵⁴ Informazzjoni rċevuta fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta mill-Assoċjazzjoni tal-Imħallfin u tal-Maġistrati.

⁵⁵ Matul il-proċeduri ta' kumpilazzjoni, il-Qorti tal-Maġistrati (bħala qorti ta' inkješta kriminali) tiġbor il-provi miġjuba mis-servizz tal-prosekuzzjoni kontra persuna akkużata. Fi tmiem din l-investigazzjoni, ikun irid jiġi deċiż jekk ikunx hemm biżżejjed evidenza biex il-każ jitressaq quddiem il-qorti.

⁵⁶ Dan japplika għal każijiet li jinvolvu sentenza ta' prigionerija ta' aktar minn sentejn sakemm il-prosekuzzjoni u d-difiża ma jaqblux mod ieħor. F'dan il-kuntest, ix-xhieda jistgħu jiġu kontroeżaminati jew jissottomettu affidavits. L-istadju ta' qabel il-ġuri jivverifika biss jekk hemmx biżżejjed evidenza għall-proċess. Mhux se jibqa' obbligatorju li l-evidenza kollha tinġabar bil-fomm u li x-xhieda kollha jinstemgħu biex il-proċedura tiġi konklusa. L-evidenza ta' sostenn tista' tkompli tinġabar sal-istadju tal-ġuri sakemm din tkun għet iddikjarata matul l-istadju tal-kompilazzjoni.

evidenza trid tiġi ffinalizzata fi żmien sena, inkella l-każ jew imur għall-proċess jew jiġi miċhud⁵⁷, u iii) il-prosekuzzjoni trid tiżvela l-każ tagħha fi żmien 40 ġurnata (li jista' jiġi estiż bi 30 ġurnata) minn meta l-akkużat jidher fil-qorti⁵⁸. Barra minn hekk, se jkun hemm inċentiv gradat għal Dikjarazzjoni Bikrija ta' Ħtija (Early Guilty Plea, EGP) qabel il-proċess⁵⁹, filwaqt li r-referenzi kostituzzjonali mhux se jwaqqfu l-proċedimenti ta' detenzjoni. Il-Gvern evalwa l-eżitu tal-konsultazzjoni pubblika dwar ir-riforma msemmija hawn fuq u beħsiebu jippreżenta abbozz ta' leġislazzjoni lill-Kabinett tal-Ministri u mbagħad lill-Kamra tar-Rappreżentanti bil-ħsieb li jiġi addottat sa tmiem l-2024. Fir-rigward tar-rieżami li għaddej tal-proċeduri tal-Qrati tal-Familja, il-grupp ta' ħidma rilevanti stabbilit mill-Gvern jinsab fil-proċess li jorogħ konsultazzjoni pubblika li fiha għadd ta' rakkomandazzjonijiet li għandhom l-oġettiv iddikjarat li tiżdied l-effiċjenza tal-ġustizzja fil-każijiet tal-liġi tal-familja⁶⁰. Fl-2023, ġiet stabbilita r-Raba' Taqsima tal-Qorti Ċivili tal-Appell, b'impatt pożittiv fuq l-għadd ta' kawżi solvuti⁶¹. Fl-2024, il-kostruzzjoni tat-tieni Sala għall-ġurijiet tlestiet, li mistenni tkun ta' benefiċċju fejn tidħol iż-żamma ta' ġurijiet⁶². Skont l-awtoritajiet, dawn il-miżuri għandhom jikkontribwixxu għal titjib ulterjuri tal-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja, minkejja li fil-biċċa l-kbira tal-każijiet għadhom jeħtieġu implimentazzjoni. B'mod ġenerali, meta jitqiesu l-iżviluppi rrapportati, inklużi dawk dwar it-tul tal-proċedimenti, sar xi progress ulterjuri dwar ir-rakkomandazzjoni li saret fir-Rapport tal-2023 dwar l-Istat tad-Dritt.

II. QAFAS KONTRA L-KORRUZZJONI

Il-qafas istituzzjonali kontra l-korruzzjoni jinkludi diversi awtoritajiet. Il-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni (PCAC) hija responsabbli għall-prevenzjoni tal-korruzzjoni u għat-twettiq ta' investigazzjonijiet amministrattivi dwar prattiki korrotti. Il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika jimmonitorja l-etika tal-ministri, tas-segretarji parlamentari u tal-Membri Parlamentari. L-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati ekonomiċi, inklużi reati ta' korruzzjoni u ħasil tal-flus, huma fil-kompetenza tal-Pulizija (id-Dipartiment tal-Investigazzjoni ta' Reati Finanzjarji) u tal-Avukat Ġenerali rispettivament.

⁵⁷ Dan huwa itwal mill-perjodu attwali ta' xahar, iżda mingħajr is-sistema ta' rinviġi (dan huwa meta l-evidenza ppreżentata fil-qorti mill-prosekuzzjoni tiġi riferuta lill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali). Dan jagħti aktar diskrezzjoni lill-Qorti, speċjalment għal esperti jew xhieda barranin.

⁵⁸ Id-difiża mbagħad tiddeċiedi jekk tixtieqx tipproduċi provi fl-istadju tal-kompilazzjoni. Jekk le, l-istadju jingħalaq. Jekk iva, japplikaw l-istess regoli u limiti ta' żmien bħal dawk għall-prosekuzzjoni.

⁵⁹ EGP immedjata tista' jnaqqas il-kastig b'massimu ta' żewġ gradi, u EGP matul ġuri bi grad wieħed. Għal każijiet fejn ikun hemm il-possibbiltà ta' għomor il-ħabs, it-tnaqqis massimu huwa ta' grad wieħed.

⁶⁰ Kontribut bil-miktub mill-Gvern fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fis-Slovenja, p. 11. L-awtoritajiet irrappurtaw ukoll li qed tiġi alllokata awla tal-qorti addizzjonali lill-Qorti tal-Familja, li għaliha ġie assenjat magħstrat ieħor. Kontribut minn Malta għar-Rapport tal-2024 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 11. L-awtoritajiet Maltin infurmaw ukoll li saret konferenza nazzjonali fl-20 ta' April 2024, biex jinġabru ideat u proposti mill-pubbliku ġenerali. Il-Prim Ministru, il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, u l-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal ipparteċipaw fil-konferenza.

⁶¹ Kontributi bil-miktub mill-Gvern Malti fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta, p. 4-5. B'mod partikolari, skont l-awtoritajiet Maltin, matul perjodu ta' 10 xhur (minn Marzu sa Diċembru 2023), il-każijiet riżoluti tal-Qorti Ċivili tal-Appell żdiedu b'79 % meta mqabbla mal-istess perjodu tal-2019.

⁶² Kontributi bil-miktub mill-Gvern Malti fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta, p. 5-6. Skont l-awtoritajiet Maltin, is-Sala se tikkontribwixxi biex jonqsu l-każijiet b'lura, peress li jkun jistgħu jsiru żewġ ġuriji fl-istess ħin, u b'hekk jiżdied l-għadd ta' ġurijiet. Il-bini għandu jitlesta sal-aħħar tal-2024. L-awtoritajiet Maltin spjegaw ukoll li fl-2024 ġew ippubblikati għadd ta' sejħiet għall-offerti bl-għan li jsibu kumpaniji biex jikkuntrattaw għar-restawr, ir-rinnovazzjoni u l-konservazzjoni tal-qrati, u biex jidentifikaw postijiet possibbli li għandhom jintużaw mill-Qrati. Kontribut bil-miktub mill-Gvern Malti fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta, p. 7-8.

Dan tal-aħħar għadu qed jieħu f'idejh il-prosekuzzjoni tar-reati kollha li jwasslu għal kundanna ta' aktar minn sentejn priġunerija, inkluża l-korruzzjoni. Korpi oħra involuti fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni huma l-Uffiċċju tal-Ombudsperson⁶³, il-Financial Intelligence Analysis Unit (FIAU) u d-Dipartiment tal-Awditjar Intern u l-Investigazzjonijiet (IAID)⁶⁴. Il-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku (PSC) hija responsabbli għad-dixxiplina tal-impjegati taċ-ċivil. Malta mhijiex parti firmatarja tal-Konvenzjoni tal-OECD Kontra t-Tixhim⁶⁵.

Il-perċezzjoni fost l-esperti u d-diriġenti tan-negozju hi li l-livell ta' korruzzjoni fis-settur pubbliku għadu relattivament għoli. Fl-Indiċi tal-2023 dwar il-Perċezzjonijiet tal-Korruzzjoni minn Transparency International, Malta gābet 51 minn 100 punt u tinsab fit-22 post fl-Unjoni Ewropea u fil-55 post fid-dinja⁶⁶. Din il-perċezzjoni baqgħet relattivament stabbli matul l-aħħar ħames snin⁶⁷. L-Ewrobarometru Speċjali tal-2024 dwar il-Korruzzjoni juri li 95 % ta' daww li wiegħbu jqisu li l-korruzzjoni hija mifruxa f'pajjiżhom (il-medja tal-UE hija 68 %), u 56 % ta' daww li wiegħbu jħossuhom personalment affettwati mill-korruzzjoni fil-ħajja tagħhom ta' kuljum (il-medja tal-UE hija 27 %)⁶⁸. Fir-rigward tan-negozji, 71 % tal-kumpaniji jqisu li l-korruzzjoni hija mifruxa (il-medja tal-UE hija 65 %) u 55 % iquis li l-korruzzjoni hija problema meta jagħmlu attivitajiet ta' negozju (il-medja tal-UE hija 36 %)⁶⁹. Barra minn hekk, 22 % ta' daww li wiegħbu jqisu li hemm biżżejjed prosekuzzjonijiet li jirnexxu biex in-nies jiġu skoraġġuti minn prassi korrotti (il-medja tal-UE hija 32 %)⁷⁰, filwaqt li 36 % tal-kumpaniji jemmnu li n-nies u n-negozji li jinqabdu jxaħħmu uffiċjal għoli jingħataw pieni xierqa (imedja tal-UE hija 31 %)⁷¹.

Ir-rakkomandazzjonijiet kontra l-korruzzjoni maħruġa wara l-inkjesta pubblika dwar il-qtil tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia għadhom ma ġewx implimentati. L-inkjesta pubblika dwar il-qtil tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia ħarġet rakkomandazzjonijiet kontra l-korruzzjoni⁷². Skont il-Gvern, il-proġett dwar l-integrità fil-

⁶³ Skont il-Parti 2 tal-Att XLII tal-2020, l-Uffiċċju tal-Ombudsman f'Malta jittratta l-ilmenti ta' amministrazzjoni ħażina kontra l-awtoritajiet pubbliċi.

⁶⁴ Huwa jwettaq spezzjonijiet interni fi ħdan id-dipartimenti u l-aġenziji governattivi.

⁶⁵ Il-Konvenzjoni tal-OECD dwar il-Ġlieda Kontra t-Tixħim tal-Uffiċċjali Pubbliċi Barranin fit-Tranżazzjonijiet Kummerċjali Internazzjonali, Status ta' Ratifika.

⁶⁶ L-Indiċi dwar il-Perċezzjoni tal-Korruzzjoni ta' Transparency International (2023). Il-livell tal-korruzzjoni perċepita huwa kkategorizzat kif ġej: baxxa (il-perċezzjoni fost l-esperti u l-eżekuttivi tan-negozju tal-korruzzjoni fis-settur pubbliku hija ogħla minn 79); relattivament baxxa (punteġġi bejn 79 u 60), relattivament għoli (punteġġi bejn 59 u 50), għoli (punteġġi taħt il-50).

⁶⁷ Fl-2019, il-punteġġ kien 54, filwaqt li fl-2023, il-punteġġ kien 51. Il-punteġġ jitqies li żdied/naqas b'mod sinifikanti meta jinbidel b'aktar minn ħames punti; jitjeb/jiddeterjora (bidliet bejn 4 u 5 punti); ikun relattivament stabbli (bidliet b'minn 1 sa 3 punti) fil-ħames snin preċedenti.

⁶⁸ L-Ewrobarometru Speċjali 548 dwar l-attitudnijiet taċ-ċittadini lejn il-korruzzjoni fl-UE (2024). Id-data tal-Ewrobarometru dwar il-perċezzjoni u l-esperjenza tal-korruzzjoni taċ-ċittadini tiġi aġġornata kull sena. Is-sett ta' data preċedenti huwa l-Ewrobarometru Speċjali 534 (2023).

⁶⁹ L-Ewrobarometru Flash 543 dwar l-attitudnijiet tan-negozji lejn il-korruzzjoni fl-UE (2024). Id-data tal-Ewrobarometru dwar l-attitudnijiet tan-negozji lejn il-korruzzjoni kif tiġi aġġornata kull sena. Is-sett ta' data preċedenti huwa l-Ewrobarometru Flash 524 (2023).

⁷⁰ L-Ewrobarometru Speċjali 548 dwar l-attitudnijiet taċ-ċittadini lejn il-korruzzjoni fl-UE (2024).

⁷¹ L-Ewrobarometru Flash 543 dwar l-attitudnijiet tan-negozji lejn il-korruzzjoni fl-UE (2024).

⁷² Ir-rakkomandazzjonijiet kontra l-korruzzjoni kienu jinkludu l-adozzjoni ta' miżuri leġiżlattivi biex jittejjeb il-mekkaniżmu tad-dikjarazzjoni tal-assi bl-għan li jiġi evitat u identifikat ġid mhux ġustifikat; it-tisħiħ tal-kodiċijiet ta' etika għall-uffiċjali pubbliċi biex tkompli tiġi evitata mgħiba mhux xierqa ta' uffiċjali pubbliċi fit-twettiq ta' dmirijiet; u azzjonijiet biex titjeb il-protezzjoni tal-whistleblowers. Il-Bord ta' Inkjesta (2021), ir-Rapport ta' Inkjesta Pubblika Daphne Caruana Galizia; Ir-Rapporti tal-2022 u tal-2023 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt f'Malta, p. 14 u 9, rispettivament.

ħajja pubblika konkluż mill-OECD f'Ottubru 2023⁷³ huwa l-ewwel pass lejn l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet kontra l-korruzzjoni maħruġa wara dik l-inkjesta pubblika. S'issa, il-Gvern ma adotta l-ebda miżura biex jimplimenta dawn ir-rakkomandazzjonijiet, u lanqas ma beda l-azzjonijiet issuġġeriti mill-OECD⁷⁴. Il-Parlament Ewropew esprima tħassib serju dwar id-deterjorament tal-elementi kontra l-korruzzjoni marbuta ma' dan il-każ⁷⁵, li huma riflessi wkoll mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili⁷⁶.

Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali Kontra l-Frodi u l-Korruzzjoni ltaqa' ma' xi dewmien. L-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali Kontra l-Frodi u l-Korruzzjoni (NAFCS) hija mmonitorjata minn Kumitat ta' Koordinazzjoni⁷⁷ (immexxi mill-IAID), permezz ta' sensiela ta' laqgħat bejn l-IAID u l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti⁷⁸. Minħabba bidliet fil-Kumitat ta' Koordinazzjoni⁷⁹, kien hemm xi dewmien fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-NAFCS, peress li l-laqgħat tal-Kumitat ta' Koordinazzjoni ma seħħewx fit-tieni nofs tal-2023 kif ipplanat⁸⁰.

Miżuri organizzattivi u leġiżlattivi, inklużi emendi għall-kodiċi kriminali u r-reklutaġġ ta' prosekuturi addizzjonali, ġew adottati fl-2023 biex itejbu l-kapaċità tal-awtoritajiet investigattivi, l-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali. Ir-Rapport tal-2023 dwar l-Istat tad-Dritt irrakkomanda li Malta “[i]żżid il-miżuri biex tindirizza l-isfidi relatati mat-tul tal-investigazzjonijiet ta' każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli, inkluż billi tistabbilixxi rekord robust ta' sentenzi finali”⁸¹. Fl-2023, id-Dipartiment tal-Investigazzjoni tar-Reati Finanzjarji (FCID) iddependa fuq total ta' 96 uffiċjal (meta mqabbel ma' 88 fl-2022), b'baġit totali ta'

⁷³ Ara hawn taħt f'p. [16].

⁷⁴ *Ibidem*.

⁷⁵ Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Ottubru 2023 dwar l-istat tad-dritt f'Malta: sitt snin wara l-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia, u l-ħtieġa li l-ġurnalisti jiġu protetti.

⁷⁶ L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jiddeploraw deterjorament fil-qafas nazzjonali kontra l-korruzzjoni f'Malta, mingħajr impatt tanġibbli. Kontribut bil-miktub mill-Fondazzjoni Repubblika u Daphne Caruana Galizia fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta.

⁷⁷ Il-kumitat ta' koordinazzjoni huwa stabbilit skont l-Artikolu 23 tal-Att dwar l-Awditjar Intern u l-Investigazzjonijiet Finanzjarji (skont il-Kap 461 tal-Liġijiet ta' Malta).

⁷⁸ Ir-Rapport tal-2023 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt f'Malta, p. 9.

⁷⁹ Wara r-riżenja tad-Direttur Ġenerali tal-IAID, inħatar Direttur Ġenerali ġdid f'Jannar 2024. Kontribut minn Malta għar-Rapport tal-2024 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 31. President ġdid tal-Kumitat ta' Koordinazzjoni beda l-mandat tiegħu f'Jannar 2024. Barra minn hekk, il-Kumitat ta' Koordinazzjoni ħatar Viċi President u Segretarju. Ir-rwol tal-Viċi President huwa li jiżgura l-kontinwità fin-nuqqas tal-President, filwaqt li s-Segretarju huwa responsabbli għall-kwistjonijiet amministrattivi kollha relatati mal-Kumitat. Informazzjoni riċevuta fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta mill-IAID.

⁸⁰ Tkomplet l-azzjoni fir-rigward tal-punti ta' azzjoni 6 (taħriġ), 14 u 13 tal-NAFCS (Strateġija tas-Sistema ta' Repożitorju Dokumentarju Ċentrali). Kontribut bil-miktub mill-Ministeru tal-Ġustizzja fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta. Il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar regolari huma essenzjali biex strateġija nazzjonali kontra l-korruzzjoni jkollha l-effett mixtieq. Il-monitoraġġ jipprovdi *data* dwar il-progress tal-istrateġija matul iż-żmien fil-kisba tal-oġġettivi tagħha. Strateġiji Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni tal-UNODC, Gwida Prattika għall-Iżvilupp u l-Implimentazzjoni (2015). Barra minn hekk, il-monitoraġġ u r-rappurtar regolari jippermettu lill-awtoritajiet ikejlu l-progress fl-implimentazzjoni u l-kisba tar-riżultati fit-trażżin tal-korruzzjoni (skont id-Dikjarazzjoni ta' Kuala Lumpur dwar Strateġiji Kontra l-Korruzzjoni appoġġata mill-UNODC/UNDP, 2013).

⁸¹ Ir-Rapport tal-2023 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt f'Malta, p. 2. Fl-2023, Malta għamlet xi progress biex tindirizza l-isfidi relatati mat-tul tal-investigazzjonijiet ta' każijiet ta' korruzzjoni f'livelli għolja; u l-ebda progress fl-istabbiliment ta' rekord robust ta' rakkomandazzjoni finali tas-sentenzi li saru fir-Rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt.

madwar EUR 6 474 000 (jiġifieri tnaqqis ta' madwar 5 % meta mqabbel mal-2022), b'żieda għall-emolumenti tal-persunal tiegħu⁸². L-UPPE investiga 6 każ ta' korruzzjoni, li jammontaw għal madwar 21 % tal-għadd totali ta' każijiet tal-UPPE (f'Malta)⁸³. Sabiex tittejjeb il-kapaċità tal-awtoritajiet investigattivi⁸⁴ u tal-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali⁸⁵, ġew impjegati prosekuturi addizzjonali⁸⁶, ġew adottati xi emendi għall-kodiċi kriminali bl-għan li tittejjeb il-kooperazzjoni operazzjonali fost il-membri tat-Task Force dwar il-Kriminalità Finanzjarja (FCTF)⁸⁷, u huma ppjanati xi riformi tal-leġiżlazzjoni kriminali⁸⁸. Fl-2023, il-FCID bdiet 24 investigazzjoni dwar il-korruzzjoni; u 2 kawżi ġew aġġudikati. Fl-2023, skandli li jinvolvu uffiċjali eżekuttivi għolja relatati ma' allegata korruzzjoni fi tliet każijiet separati (relatati mal-ħruġ ta' liċenzji tas-sewqan; l-iskambju ta' benefiċċji soċjali ma' voti; u l-konċessjonijiet tal-isptarijiet), ġew irrappurtati b'mod wiesa' fl-istampa u ħarġu akkużi fit-tliet każijiet kollha⁸⁹. F'Mejju 2024, fil-każ tal-isptarijiet li ssemma', wara l-konklużjoni u r-rakkomandazzjonijiet ta' inkjesta maġisterjali, l-Avukat Ġenerali ppreżenta akkużi dwar reati finanzjarji u korruzzjoni kontra 39 individwu, persuna ġuridika u uffiċjali pubbliċi għolja (inklużi eks Ministri, l-eks Prim Ministru u l-Kap tal-Persunal tiegħu)⁹⁰; u l-każ għadu

⁸² Il-baġit totali għall-FCID fl-2022 kien ta' EUR 6 826 380, b'emolumenti tal-persunal ta' EUR 3 455 982 (meta mqabbel ma' EUR 4 147 910 għall-2022). Kontribut bil-miktub mill-Gvern Malti fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta.

⁸³ Rapport annwali, UPPE 2023, p. 45.

⁸⁴ Skont l-UPPE, l-uffiċjali jidhru li huma mgħobbija b'investigazzjonijiet nazzjonali, li jieħdu prijorità (kontribut mill-UPPE għar-Rapport tal-2024 dwar l-Istat tad-Dritt, Anness, p. 39).

⁸⁵ Kif imsemmi hawn fuq, minn Lulju 2023 sa Frar 2024, 8 prosekuturi ġodda nqas mal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali (li b'kollox laħqu 69 prosekutur); tlestiet riorganizzazzjoni tal-uffiċċju, u nbeda proġett ta' 2 snin biex jittejjeb l-kapaċità u l-effettività tal-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali fl-investigazzjoni u l-aġġudikazzjoni ta' każijiet ta' korruzzjoni. Kontribut minn Malta għar-Rapport tal-2024 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 20.

⁸⁶ Miżuri oħra kienu dawn li ġejjin: tim investigattiv ġdid tal-FCID; trasferiment ulterjuri ta' każijiet mill-forza tal-Pulizija għall-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali; u r-riorganizzazzjoni tal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali; u proġett biex tittejjeb l-effettività għall-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali. Informazzjoni li waslet fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta.

⁸⁷ It-Task Force dwar il-Kriminalità Finanzjarja (FCTF) twaqqfet fl-2020 biex tiffaċilita l-investigazzjoni konġunta, biex issegwi u tipproċessa każijiet kumplessi u ta' ħasil tal-flus ta' profil għoli, inklużi dawk marbuta ma' reati kriminali serji (predikati) bħall-korruzzjoni u t-tixħim. Il-FCTF hija magħmula minn rappreżentanti mill-FIAU, il-Pulizija ta' Malta u s-Servizzi tas-Sigurtà ta' Malta, u awtoritajiet oħra (bħall-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, il-Kummissarju għad-Dħul u d-Dwana), jassistu lill-FCTF fil-ħidma tagħha. Kontribut minn Malta għar-Rapport tal-2024 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 30.

⁸⁸ Tnediet konsultazzjoni pubblika biex jiġu indirizzati r-riformi fi proċeduri kriminali ta' kumpilazzjoni, li huma ppjanati li jiġu ppreżentati lill-Kabinett tal-Ministri qabel is-sajf, bl-għan li jittejjeb l-effiċjenza u l-ġustizzja tal-proċeduri kriminali ta' kumpilazzjoni. B'mod parallel, il-Gvern qed jaħdem fuq l-abbozzar ta' leġiżlazzjoni maħsuba biex tirrifirma s-sistema tal-proċeduri tal-inkjesti u biex l-inkjesti maġisterjali jiġu assorbiti fil-funzjonijiet tal-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali. Kontributi bil-miktub mill-Ministeru tal-Ġustizzja fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta.

⁸⁹ Matul l-2023 u l-2024 dehru rapporti tal-midja dwar The Malta Independent (Attakki kriminali ppreżentati b'rabta ma' inkjesta fl-isptarijiet), Times of Malta (Who's who: The people and businesses facing charges linked to hospitals deal It's a long list of people with a long list of alleged crimes), Lovin Malta (Transport Malta Driving License Whistleblower Allegedly Deported After Permit Gets Revoked; At Least €60 Million: Here's How Much The Key Vitals Players Siphoned Off From Concession) and Organized Crime and Corruption Reporting Project (Emails Show How Millions Flowed to 'Political Consultants' in Malta Hospital Corruption Case; Malta Charges Ex PM and His Top Officials with Corruption).

⁹⁰ Kontribut minn Malta għar-Rapport tal-2024 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 38. L-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat jindika li għadha ma ttehdet l-ebda azzjoni ċivili nazzjonali biex jiġu rkuprati l-fondi pubbliċi involuti f'dawn il-kawżi, u li nbdew proċedimenti ta' arbitraġġ quddiem il-Kamra Internazzjonali tal-Kummerċ (li l-proċedimenti tagħha huma rregolati mill-kunfidenzjalità), fejn il-Gvern talab rimborż ta' fondi, fost talbiet oħra. Informazzjoni rċevuta mill-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta.

pendenti quddiem l-awtoritajiet ġudizzjarji⁹¹. Għall-2023, it-tul tal-investigazzjonijiet baqa' problematiku⁹², u ma sar l-ebda progress fl-ġholi ta' sentenzi finali dwar każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli⁹³. Għalhekk, fid-dawl tal-azzjonijiet meħuda biex tittejjeb il-kapaċità tal-awtoritajiet investigattivi u ta' prosekuzzjoni, sar xi progress dwar ir-rakkomandazzjoni li saret fir-Rapport tal-2023 dwar l-Istat tad-Dritt relatata mat-tul tal-investigazzjonijiet ta' każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli, filwaqt li ma sar l-ebda progress fl-istabbiliment ta' rekord robust ta' sentenzi finali.

Ir-riżorsi umani u finanzjarji għall-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni **żdiedu, għalkemm l-impatt fuq il-kapaċità tagħha li tikseb riżultati tanġibbli għad irid jidher**⁹⁴. Il-PCAC topera ma' tliet Kummissarji (ingaġġati fuq bażi part-time biss)⁹⁵ appoġġati minn uffiċjal amministrattiv wieħed (bi pjan li jiġu impjegati erba' uffiċjali amministrattivi addizzjonali fl-2024)⁹⁶, għalkemm l-istandards internazzjonali jirrikjedu li l-aġenziji kontra l-korruzzjoni jkollhom persunal speċjalizzat adegwat u affidabbli⁹⁷. Is-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet għadha mhijiex fis-seħħ, u qed titħejja proċedura operattiva standard⁹⁸. Għall-2024, il-PCAC tistma kostijiet ta' EUR 180 000 (meta mqabbla mal-150 000 għall-2023)⁹⁹, b'impenn li tkompli żżid ir-riżorsi finanzjarji u umani tagħha¹⁰⁰. Filwaqt li l-PCAC tippreżenta r-rapport annwali tal-attività tagħha lill-President ta' Malta, ma hemm l-ebda mekkaniżmu ta' sorveljanza ieħor fis-sehħ¹⁰¹. Il-PCAC ma rċeviet l-ebda rapport ta'

Fost mezzi oħra tal-media, Times of Malta (Inkjesti fil-bliet: AG tressaq akkużi kontra Muscat, Mizzi, Schembri u oħrajn), The Malta Independent (Muscat għandu jiġi akkużat b'tixħim, korruzzjoni u ħasil tal-flus) u Malta Illum (Muscat għandu jiġi akkużat b'ħasil tal-flus, tixħim u korruzzjoni). Is-soċjetà ċivili esprimiet tħassib serju dwar dawn il-każijiet. Ara kontributi bil-miktub mill-Fondazzjoni Daphne Caruana Galizia fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta.

⁹¹ Il-Qorti tal-Maġistrati (Inkjesti Kriminali) organizzat seduti għall-kompilazzjoni ta' evidenza kontra l-individwi akkużati fit-28 u d-29 ta' Mejju. Is-seduti ta' segwitu saru f'Ġunju u se jkomplu matul Lulju. Kontribut bil-miktub mill-Ministeru tal-Ġustizzja fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta.

⁹² Diversi NGOs jiddeploraw ukoll li, minkejja s-setgħat mogħtija mil-liġi, l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali ma jhux każijiet taħt inkjesti maġisterjali fit-tul, li jħalli l-vittmi bla abbiltà li jippreżentaw mozzjoni jew appell rapidu. Informazzjoni rċevuta minn Repubblika u l-Fondazzjoni Daphne Caruana Galizia fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta. F'April 2023, il-Ministru tal-Ġustizzja ddikjara li l-għadd ta' inkjesti maġisterjali pendenti huwa ta' 1 698 u waħda minn dawk l-inkjesti tmur lura għall-1979; ara Times of Malta (2023), Nearly 1,700 magisterial inquiries are pending, one since 1979.

⁹³ Ma hemm l-ebda informazzjoni disponibbli dwar sentenzi finali dwar kawżi ta' korruzzjoni f'livelli għolja.

⁹⁴ L-NGOs ikkritikaw l-ineffettività tal-PCAC fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta.

⁹⁵ Fit-2023 reġgħu nħatru 2 Kummissarji tal-PCAC (sal-2028), u l-mandat tat-tielet Kummissarju jintemm f'Settembru 2024. Kontribut bil-miktub mill-PCAC fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta.

⁹⁶ L-4 uffiċjali ġodda se jkollhom f'idejhom kompiti amministrattivi, diġitali jew ta' sensibilizzazzjoni. Il-PCAC ma għandha l-ebda investigaturi interni jew analisti tad-data. Kontribut bil-miktub mill-PCAC fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta.

⁹⁷ Ara l-UNDP/UNODC, id-Dikjarazzjoni ta' Jakarta dwar il-Prinċipji għall-Aġenziji Kontra l-Korruzzjoni, kif ukoll l-UNODC, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-korruzzjoni.

⁹⁸ F'konformità mal-RRP ta' Malta, hu mistenni li pjan baġitarju u tar-riżorsi umani mfassal mill-PCAC, kif ukoll għadd ta' riformi operazzjonali, jiġu implimentati sa tmiem l-2024.

⁹⁹ Il-baġit totali stmat għall-2024 huwa ta' EUR 500 000 (kontribut bil-miktub mill-PCAC fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta).

¹⁰⁰ Il-Ministeru għall-Finanzi qed jippjana li jżid il-baġit tal-PCAC sa EUR 500 000 matul l-2024, biex ikopri l-kostijiet operazzjonali, inkluż ir-reklutaġġ ta' persunal addizzjonali (b'mod partikolari manijer superjuri, manijer, u 2 assistent manijer). Kontribut bil-miktub mill-PCAC fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta.

¹⁰¹ F'konformità mad-Dikjarazzjoni ta' Jakarta dwar il-Prinċipji għall-Aġenziji Kontra l-Korruzzjoni (ACAs) appoġġati mill-UNDP/UNODC, huwa essenzjali li l-ACAs jikkonformaw mal-istandards tal-awditjar, li jsaħħu r-responsabbiltà tal-ogħla manijers tal-ACA.

korruzzjoni fl-2023¹⁰². Fir-rigward taż-żewġ każijiet li waslu fl-2022, l-ewwel każ għadu pendent minħabba nuqqas ta' persunal speċjalizzat¹⁰³, u t-tieni każ ġie tterminat minħabba nuqqas ta' evidenza¹⁰⁴. Il-PCAC s'issa għadha ma bagħtet l-ebda każ lill-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali għall-prosekuzzjoni¹⁰⁵.

Ir-riżorsi tjiebu u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' integrità fis-servizz pubbliku tkompli, inkluż għall-uffiċjali tal-pulizija u l-imħallfin, minkejja xi kritika. Fl-2023, il-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku (PSC) żiedet il-persunal¹⁰⁶ u l-baġit¹⁰⁷ tagħha, u xi miżuri u proċeduri ta' integrità għall-uffiċjali pubbliċi tjiebu¹⁰⁸. Għadu qed jiġi pprovdut taħriġ dwar l-integrità lill-uffiċjali pubbliċi¹⁰⁹. Fl-2023, il-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku ħarġet sanzjonijiet dixxiplinari f'59 każ (żieda ta' 60 % meta mqabbla mal-2022), filwaqt li 63 każ ġdid ġew ittrattati fil-livell tad-dipartiment lokali¹¹⁰. Il-Bord tal-Evalwazzjoni tal-Pulizija ttratta 116-il talba għal attivitajiet esterni fl-2023 (meta mqabbel ma' 95 fl-2022¹¹¹), u l-

¹⁰² Kontribut bil-miktub li waslet mill-PCAC fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta.

¹⁰³ Il-każ jitwaqqaf minħabba marda tat-traskrizzjoni, li turi l-livell baxx ta' riżorsi disponibbli għall-PCAC (kontribut bil-miktub mill-PCAC fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta).

¹⁰⁴ Il-każijiet magħluqa għadhom jintbagħtu lill-Ministru tal-Ġustizzja bħala informazzjoni. Informazzjoni rċevuta mingħand il-PCAC fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta.

¹⁰⁵ Il-PCAC qatt ma kkontestat xi deċiżjoni mill-Avukat Ġenerali li ma ssirx prosekuzzjoni ta' każ ta' korruzzjoni. F'Marzu 2024, il-GRECO rrakkomanda r-riforma tal-investigazzjoni kriminali u l-prosekuzzjoni ta' uffiċjali tal-ogħla livell. GRECO, il-Ħames Ċiklu ta' Evalwazzjoni tat-Tieni Rapport ta' Konformità.

¹⁰⁶ Total ta' persunal ta' 16 uffiċjal.

¹⁰⁷ Il-baġit totali għall-2023 huwa ta' EUR 728 000 (kontribut bil-miktub mill-KPS fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta).

¹⁰⁸ Ir-Regolament Dixxiplinari tal-KPS u d-Direttiva 16 daħlu fis-seħħ bejn Ottubru 2023 u Frar 2024, u l-Manwal dwar id-dixxiplina għas-Servizz Pubbliku ġie aġġornat fl-2023. Kontribut bil-miktub mill-KPS fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta, u kontribut minn Malta għar-Rapport tal-2024 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 33.

¹⁰⁹ Fl-2023, ġie pprovdut taħriġ dwar l-integrità lill-uffiċjali pubbliċi. Kontribut minn Malta għar-Rapport tal-2024 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 31 u 33.

¹¹⁰ Skont il-KPS, il-kontrolli tal-konformità wrew titjib pożittiv fuq il-proċeduri ta' reklutaġġ, u l-KPS qed jappoġġa lill-istituzzjonijiet pubbliċi biex isolvu n-nuqqasijiet li fadal (kontribut bil-miktub mill-KPS fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta).

¹¹¹ Ir-Rapport tal-2023 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt f'Malta, p. 13.

miżuri ta' integrità għadhom qed jiġu implimentati¹¹², minkejja xi kritika mqajma¹¹³. Il-membri tal-ġudikatura jsejgħu taħriġ dwar l-etika¹¹⁴, u huma marbuta b'kodiċi ta' etika¹¹⁵.

Ir-regoli tal-etika jkomplu japplikaw għall-membri tal-Parlament, filwaqt li daww għall-uffiċjali ta' livell għoli ġew rieżaminati, u għad hemm tħassib dwar il-miżuri ta' integrità applikati għall-persuni ta' fiduċja. F'Ottubru 2023, l-OECD adottat il-ħames u l-aħħar rapport b'rakkomandazzjonijiet dwar it-titjib tal-qafas ta' integrità u trasparenza għall-uffiċjali eletti u maħtura. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet jiżiedu ma' daww maħruġa mill-OECD għat-tisħiħ tal-uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika u l-att dwar l-istandards fil-ħajja pubblika; il-kodiċijiet tal-etika għall-Ministri u l-membri tal-Parlament; dikjarazzjonijiet tal-assi u tal-imġax; u l-miżuri ta' lobbying¹¹⁶. S'issa, l-azzjonijiet issuġġeriti mill-OECD għadhom ma ġewx implimentati¹¹⁷. Fl-2023, l-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika eżamina ħames każijiet ta' mġiba ħażina etika li jinvolvu Membri Parlamentari u Ministri¹¹⁸. Għalkemm fl-2023 il-Gvern irreveda xi miżuri applikati fil-każ ta' uffiċjali ta' grad għoli¹¹⁹, inkluż biex jiġu estiżi r-regoli dwar il-kunflitt ta' interess biex jiġu ikopru persuni ta' fiduċja, għad hemm tħassib fir-rigward tal-

¹¹² Fl-2023, tressqu 9 ilmenti dwar il-korruzzjoni kontra uffiċjali tal-pulizija. Taħriġ għall-prevenzjoni tal-korruzzjoni huwa disponibbli għall-uffiċjali tal-pulizija, kif ukoll kanal intern biex jirrapportaw imġiba professjonali ħażina. L-Uffiċċju tal-Istandards Professjonali investiga 175 każ (3 każ baqqu pendenti quddiem il-qorti lokali; każ wieħed ġie riferut lill-KPS; 38 każ irriżultaw f'azzjonijiet dixxiplinari minuri; 2 każi rriżultaw f'sospensjoni, u 2 każi irriżultaw f'riżenji wara investigazzjoni), u l-Bord tal-Appelli Dixxiplinari tal-Pulizija ħareġ 97 deċiżjoni (meta mqabbel ma' 156 fl-2022), u organizza 10 seduti ta' smiġħ (meta mqabbel ma' 15 fl-2022). Kontribut minn Malta għar-Rapport tal-2024 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 25 u 35.

¹¹³ Kontribut bil-miktub mingħand il-Pulizija ta' Malta fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta. Fir-rapport tiegħu ta' Marzu 2024, il-GRECO kkonkluda li r-rakkomandazzjonijiet preċedenti ġew implimentati biss parzjalment (jiġifieri dwar l-istrateġija kontra l-korruzzjoni għall-pulizija; proċeduri tal-għażla bbażati fuq il-mertu; regoli aktar stretti dwar attivitajiet esterni; Bord tal-Ilmenti tal-Pulizija mġammar b'mod adegwat; ittejjeb il-mekkaniżmu intern tal-iżvelar ta' informazzjoni protetta). GRECO, il-ħames Ċiklu ta' Evalwazzjoni, it-Tieni Rapport ta' Konformità.

¹¹⁴ Fl-2023, il-Kumitat għall-Istudji Ġudizzjarji (JSC) organizza 10 sessjonijiet ta' taħriġ għall-membri tal-ġudikatura. Kontribut minn Malta għar-Rapport tal-2024 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 18.

¹¹⁵ L-imparzjalità, l-integrità u l-indipendenza huma prinċipji ewlenin minquxa fil-Kodiċi ta' Etika għall-Membri tal-Ġudikatura (tal-2010).

¹¹⁶ Il-5 rapporti maħruġa mill-OECD pprovdew rakkomandazzjonijiet għar-riforma tal-uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, l-istandards fl-att dwar il-ħajja pubblika; il-kodiċijiet tal-etika għall-Ministri, is-Segretarji Parlamentari u l-Membri Parlamentari; id-dikjarazzjonijiet tal-assi u tal-imġax għall-uffiċjali eletti u maħtura; u miżuri ta' lobbying. Skont il-Gvern, il-proġett huwa marbut mar-rakkomandazzjonijiet kontra l-korruzzjoni maħruġa wara l-inkjesta pubblika dwar il-qtil tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia. Ara hawn fuq f'p. [10]. Informazzjoni rċevuta mill-Ministeru tal-Ġustizzja fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta.

¹¹⁷ Informazzjoni rċevuta mill-Ministeru tal-Ġustizzja fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta. Il-NGOs jibqgħu attenti dwar il-kwistjoni (kontribut minn Repubblika għar-Rapport tal-2024 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 18; kontribut bil-miktub mill-Fondazzjoni Daphne Caruana Galizia fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta, p. 15).

¹¹⁸ Każ wieħed ma nżammx; ieħor ġie riferut lill-Kumitat tal-Istandards għall-kunsiderazzjoni tiegħu (li għadu pendenti), u tliet każijiet ingħalqu abbażi tal-apoloġija mill-MP jew il-Ministru involut. Ir-rapporti jiġu ppubblikati fuq il-paġna web tal-Kummissarju.

¹¹⁹ Skont il-Manwal dwar il-Politiki u l-Proċeduri tar-Riżorsi (rivedut f'Marzu 2023), l-attivitajiet esterni kollha tal-impjegati jridu jiġu approvati bil-miktub. It-terminu "persuna ta' fiduċja" (person of trust) ġeneralment jinftehem bħala li jirreferi għal persuni maħtura politikament. Ara wkoll il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, "Who Are Persons of Trust? A Guidance Note" (riveduta fit-28 ta' April 2021).

firxa tal-miżuri ta' integrità applikati ghalihom¹²⁰. L-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika jistenna li l-membri kollha tal-Parlament jippreżentaw id-dikjarazzjonijiet tal-assi tagħhom sa nofs l-2024¹²¹. Għalkemm għad hemm tħassib f'termini ta' inklużività limitata tal-proċedura modifikata għall-ħatra tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika¹²², anke fid-dawl tal-istandards internazzjonali rilevanti¹²³, il-Gvern ma għandux l-intenzjoni li jbidilha¹²⁴.

L-awtoritajiet pubbliċi jikkonformaw mar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar, filwaqt li għad hemm xi tħassib dwar it-trasparenza tal-fondi pubbliċi mill-partiti politiċi. Fl-2023, l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditjar (NAO) kompla jawditja l-użu tal-fondi pubbliċi mill-istituzzjonijiet¹²⁵. F'Diċembru 2023, il-NAO ppubblika l-istrateġija tiegħu ta' ħames snin, li tiffoka fuq it-tisħiħ tar-responsabbiltà u t-trasparenza fil-Gvern¹²⁶. Minkejja xi dewmien żgħir fil-kisba tad-dokumentazzjoni rilevanti mill-entitajiet awditjati¹²⁷, ir-rapport ta' attività tal-NAO juri li l-awtoritajiet pubbliċi jikkonformaw mar-rakkomandazzjonijiet tal-NAO f'madwar 72 % tal-każijiet¹²⁸. Għall-2023, id-Dipartiment tal-Awditjar Intern u tal-Investigazzjonijiet (IAID) kompla jwettaq spezzjonijiet interni tad-dipartimenti ministerjali,

¹²⁰ Fir-rapport tiegħu ta' Marzu 2024, il-GRECO kkonkluda li l-5 rakkomandazzjonijiet preċedenti tiegħu baqgħu biss parzjalment implimentati (jiġifieri li jiġi limitat l-għadd ta' persuni ta' fiduċja; li jiġu soġġetti għal standards ta' integrità, li jitqiesu l-kunflitti ta' interess, b'soluzzjonijiet ċari) u 8 rakkomandazzjoni baqgħu mhux implimentati (dwar ir-riforma tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika; li jittejbu l-miżuri dwar il-lobbying; jiżiedu l-limiti għall-attivitajiet esterni; il-persuni ta' fiduċja jiġu soġġetti għal dikjarazzjoni tal-assi, b'sanzjonijiet; li jitjieb l-użu tal-evidenza fl-aġġudikazzjoni ta' każijiet ta' korruzzjoni). GRECO, il-Ħames Ċiklu ta' Evalwazzjoni, it-Tieni Rapport ta' Konformità. Matul l-2024 kompla jingħata taħriġ obbligatorju dwar l-integrità lill-impjegati pubbliċi. Il-punt 1.4.1 (c) tad-Direttiva Nru 16 jinkludi l-persuni kollha fuq kuntratt ta' impjeg fi ħdan l-Amministrazzjoni Pubblika skont id-definizzjoni ta' "impjegati pubbliċi". Kontribut bil-miktub mill-Ministeru tal-Ġustizzja fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta.

¹²¹ Informazzjoni rċevuta mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta.

¹²² Diversi NGOs qajmu tħassib dwar l-indipendenza u l-effettività tal-uffiċċju tal-Kummissarju. Kontribut minn Repubblika għar-Rapport tal-2024 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 19.

¹²³ Prassi tajba tissuġġerixxi wkoll li l-kap tal-aġenzija kontra l-korruzzjoni jenħtieġ li jiġi rrakkomandat u/jew approvat kemm mill-partit fil-gvern kif ukoll mill-oppożizzjoni. L-involvement tal-oppożizzjoni fl-għażla tal-kap ta' aġenzija kontra l-korruzzjoni jsaħħaħ l-oġġettività u l-imparzjalità tagħha, peress li l-aġenzija mhux se teżerċita preġudizzju favur il-maġġoranza fil-gvern. Ara *mutatis mutandis* l-UNDP/UNODC, id-Dikjarazzjoni ta' Jakarta dwar il-Prinċipji għall-Aġenziji Kontra l-Korruzzjoni (2012), u l-opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja (CDL-AD (2019) 015-e). Ir-Rapport tal-2023 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt f'Malta, p. 13.

¹²⁴ Informazzjoni rċevuta mill-Ministeru tal-Ġustizzja fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta.

¹²⁵ Fl-2023, l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditjar (NAO) lesta 28 awditu (b'paragun ma' 63 fl-2022), mingħajr l-ebda ħjiel ta' korruzzjoni. Għandu baġit ta' madwar EUR 4 200 000. Ir-riżultati tal-ispezzjonijiet mill-NAO huma ppubblikati fuq il-paġna web tiegħu.

¹²⁶ L-istrateġija ta' 5 snin imnedija mill-NAO fl-2023 għandha l-għan li ttejjeb l-impatt tal-awditi, permezz ta' spezzjonijiet xprunati mit-teknoloġija u rakkomandazzjonijiet azzjonabbli. Informazzjoni rċevuta mill-NAO fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta, u kontribut minn Malta għar-Rapport tal-2024 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 28.

¹²⁷ NAO, Annual Audit Report Public Accounts 2022, p. 4. Standards internazzjonali rilevanti jindikaw li l-istituzzjonijiet supremi tal-awditjar għandu jkollhom aċċess bla xkiel għall-informazzjoni kollha meħtieġa (ara International Organization of Supreme Audit Institutions - INTOSAI, Lima declaration on Guidelines on Auditing Precepts, and Mexico declaration on Supreme Audit Institutions Independence).

¹²⁸ NAO, Rapporti ta' attività annwali 2023.

b'xi riżorsi umani addizzjonali¹²⁹ għalkemm, minħabba nuqqas ta' persunal, l-IAID jissottokuntratta xi awditi lil ditti privati¹³⁰. Filwaqt li r-rapporti finanzjarji ppreżentati mill-partiti politiċi huma ppubblikati¹³¹, fid-dawl tal-istandards internazzjonali rilevanti, il-NGOs qajmu tħassib dwar in-nuqqas ta' pubblikazzjoni mill-Kummissjoni Elettorali tar-rapporti tal-awditjar dwar il-fondi tal-partiti politiċi mill-2019¹³², u għad ma hemm l-ebda informazzjoni disponibbli dwar investigazzjoni ta' allegazzjonijiet ta' ġestjoni ħażina ta' fondi minn partiti politiċi¹³³.

Qed jitħejjew għodod ġodda għall-iżvelar ta' informazzjoni protetta, għalkemm ma hemm l-ebda data disponibbli dwar il-funzjonament tal-mekkaniżmu eżistenti, u tqajjem xi tħassib fir-rigward tal-effettività tagħhom. Għaddejja ħidma biex tiġi żviluppata bażi tad-*data* u għodod ġodda għall-ipproċessar tar-rapporti dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta¹³⁴. Fir-rigward tal-għodod eżistenti, għad ma hemm l-ebda informazzjoni disponibbli dwar l-għadd jew it-tipi ta' rapporti ta' żvelar ta' informazzjoni protetta dwar il-korruzzjoni riċevuti jew investigati mill-awtoritajiet pubbliċi, u lanqas *data* dwar l-użu tal-infolina li tnediet fl-2022¹³⁵. Il-PCAC qatt ma ħarġet ordni ta' protezzjoni tal-informaturi¹³⁶. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili qajmu tħassib dwar in-nuqqas ta' aċċettazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti ta' rapportar anonimu¹³⁷.

¹²⁹ 9 uffiċjali ġodda nġhaqdu mal-IAID fil-bidu tal-2024 (li laħqu total ta' 32 uffiċjal). L-IAID wettqet 4 awditi interni, u 6 investigazzjonijiet (inkluż rapport wieħed trażmess lill-OLAF u wieħed lill-UPPE). Kontribut minn Malta għar-Rapport tal-2024 dwar l-Istat tad-Dritt u informazzjoni rċevuta mill-IAID fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta.

¹³⁰ Informazzjoni rċevuta mingħand l-IAID fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta.

¹³¹ Ir-rapporti finanzjarji ppreżentati mill-partiti politiċi huma ppubblikati fuq is-sit web tal-Kummissjoni Elettorali ta' Malta.

¹³² Il-paġna web tal-Kummissjoni Elettorali ta' Malta. Ir-Rapport tal-2023 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt f'Malta, p. 15. Informazzjoni bil-miktub mill-Fondazzjoni Daphne Caruana Galizia fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta, p. 21. Skont l-istandards internazzjonali rilevanti, l-Istati għandhom jirrikjedu li l-partiti politiċi regolarment jippubblikaw il-kontijiet (ara r-Rakkomandazzjoni Rec (2003) 4 tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa). Ir-rapporti finanzjarji ppreżentati mill-partiti politiċi jintbagħtu lill-konsulenti finanzjarji maħtura tal-Kummissjoni Elettorali, għall-analiżi u r-rimarki tagħhom. Kwistjonijiet jew diskrepanzi li huma mmarkati mill-konsulenti finanzjarji jiġu riferuti lill-partiti politiċi rispettivi għall-kummenti tagħhom u għall-possibbiltà ta' azzjoni ta' rimedju ulterjuri meħtieġa. L-ispjegazzjonijiet u, fejn rilevanti, kwalunkwe rapport aġġornat mogħti mill-partiti politiċi, jiġu riferuti lura lill-konsulenti finanzjarji għall-kunsiderazzjoni tagħhom. Jekk il-konsulenti jqisu l-ispjegazzjonijiet mogħtija mill-partiti politiċi bħala sodisfaċenti, il-kwistjoni titqies bħala solvuta. Jekk xi Rapporti Finanzjarji jew Rapporti tad-Donazzjonijiet ikunu ġew aġġornati u jitqiesu aċċettabbli mill-konsulenti finanzjarji, id-dikjarazzjonijiet u r-rapporti msemmija jittellgħu fuq is-sit web tal-Kummissjoni Elettorali minflok id-dikjarazzjonijiet jew ir-rapporti ppubblikati oriġinarjament. Kontribut bil-miktub mill-Ministeru tal-Ġustizzja fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta.

¹³³ Ir-Rapport tal-2023 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt f'Malta, p. 15.

¹³⁴ Il-baży tad-*data* hija mistennija li titlesta lejn tmiem l-2024 (skont l-RRP) u l-għodod li jkunu disponibbli mill-2025. Informazzjoni rċevuta mill-Ministeru tal-Ġustizzja fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta, u kontribut minn Malta għar-Rapport tal-2024 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 34.

¹³⁵ Ir-Rapport tal-2023 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt f'Malta, p. 15. Informazzjoni rċevuta fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż mill-Fondazzjoni Daphne Caruana Galizia, Repubblika u l-Fondazzjoni Aditus.

¹³⁶ Informazzjoni rċevuta mingħand il-PCAC fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta.

¹³⁷ Informazzjoni rċevuta mingħand il-Fondazzjoni Daphne Caruana Galizia, Repubblika u l-Fondazzjoni Aditus fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta. Dan mhuwiex rekwiżit skont id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar

Għalkemm jeżistu miżuri preventivi, ir-rapporti tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditjar jindikaw li l-proċedura tal-akkwist pubbliku hija settur f'riskju għoli ta' korruzzjoni. L-attitudnijiet tan-negozji lejn il-korruzzjoni fl-UE juru li 26 % tal-kumpaniji f'Malta (il-medja fl-UE hija ta' 27 %) jaħsbu li l-korruzzjoni fil-prattika żammithom milli jirbħu offerta pubblika jew kuntratt ta' akkwist pubbliku f'dawn l-aħħar tliet snin¹³⁸. Fir-rapporti ta' attività tiegħu tal-2023, rigward attivitajiet li seħħew fl-2022, in-NAO indika n-nuqqas ta' konformità mar-regolamenti dwar l-akkwist pubbliku fost il-ħames dgħufijiet ewlenin li nstabu matul l-awditi u li d-devjazzjonijiet kienu mifruxa¹³⁹ u, skont in-NAO, id-dipartimenti tal-akkwist pubbliku jużaw proċeduri ta' ordni diretta ta' spiss wisq¹⁴⁰. Fl-2023, id-dipartiment tal-akkwist pubbliku żviluppa bażi tad-*data* interna tad-dikjarazzjonijiet tal-kunflitti ta' interess¹⁴¹. L-uffiċjali pubbliċi jkomplu jseguw taħriġ dwar l-istrateġija kontra l-korruzzjoni, u dwar l-istandards tal-integrità fl-akkwist pubbliku¹⁴².

L-iskema ta' ċittadinanza b'investiment ta' Malta għadha tqajjem tħassib serju. L-iskemi ta' ċittadinanza b'investiment jippreżentaw riskji inerenti ta' korruzzjoni¹⁴³. F'Marzu 2023, il-Kummissjoni Ewropea ressqet lil Malta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għall-iskema tagħha ta' ċittadinanza b'investiment fid-dawl tal-inkompatibbiltà tal-iskema mad-dritt tal-UE dwar iċ-ċittadinanza tal-UE u l-prinċipju ta' kooperazzjoni sinċiera. Il-każ bħalissa jinsab pendent quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja¹⁴⁴.

III. IL-PLURALIŻMU TAL-MEDIA U L-LIBERTÀ TAL-MEDIA

Il-libertà tal-espressjoni hija minquxa fil-Kostituzzjoni ta' Malta¹⁴⁵ u fl-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea. L-Att dwar il-Media u l-Malafama jirregola l-malafama u l-protezzjoni tas-sorsi ġurnalistiċi. Il-Kostituzzjoni tistabbilixxi l-kompożizzjoni, il-proċeduri ta' ħatra u ta' tneħħija u l-indipendenza tal-Awtorità tax-Xandir, u tistabbilixxi l-funzjonijiet bażiċi tagħha¹⁴⁶. L-Att dwar il-Libertà tal-Infommazzjoni jistabbilixxi l-qafas legali għall-aċċess għall-infommazzjoni miżmuma mill-awtoritajiet pubbliċi¹⁴⁷.

ksur tal-liġi tal-Unjoni. Skont il-Gwida Teknika tal-UNODC għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti Kontra l-Korruzzjoni (2009), l-Istati jistgħu jżommu f'moħħom l-importanza tal-promozzjoni tar-rieda tal-pubbliku li jirrapporta dwar il-korruzzjoni.

¹³⁸ L-Ewrobarometru Flash 543 dwar l-attitudnijiet tan-negozji lejn il-korruzzjoni fl-UE (2024). Dan huwa punt perċentwal taħt il-medja tal-UE.

¹³⁹ NAO, rapport tal-awditjar annwali tal-2023, rigward attivitajiet li seħħew fl-2022, pp. 5 u 57.

¹⁴⁰ Infommazzjoni rċevuta mingħand l-NAO fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta. Fir-rapport ta' awditu tiegħu tal-2023, rigward attivitajiet li seħħew fl-2022, in-NAO jindika li fl-2022 erba' ordnijiet diretti ma kinux debitament approvati mill-Ministeru rilevanti, u li f'każ partikolari, ix-xiri nqasam fi tliet partijiet fl-istess xahar. Ir-Rapport dwar l-Awditi ta' Segwitu tal-2023, rigward attivitajiet li seħħew fl-2022, Volum I, p. 17.

¹⁴¹ Il-bażi tad-*data* għandha l-għan li ssegwi u tivverifika d-dikjarazzjonijiet ippreżentati lill-uffiċjali tal-akkwist. Kontribut minn Malta għar-Rapport tal-2024 dwar l-Istat tad-Dritt.

¹⁴² Infommazzjoni rċevuta mingħand in-NAO fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta.

¹⁴³ Ara l-Kummissjoni Ewropea, Rapport dwar l-Iskemi ta' Ċittadinanza u Residenza b'Investiment fl-UE, fejn il-Kummissjoni kienet qed timmonitorja kwistjonijiet usa' ta' konformità mal-liġi tal-UE mqajma mill-iskemi ta' ċittadinanza b'investiment.

¹⁴⁴ Il-Kummissjoni ressqet lil Malta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fl-21 ta' Marzu 2023, *Il-Kummissjoni Ewropea vs ir-Repubblika ta' Malta*, il-Kawża C-181/23.

¹⁴⁵ Il-Kostituzzjoni ta' Malta, Artikolu 41.

¹⁴⁶ Il-Kostituzzjoni ta' Malta, Artikoli 118 u 119.

¹⁴⁷ Malta tikklassifika fit-73 pożizzjoni fl-Indiċi Dinji tal-Libertà tal-Istampa tal-2024 tar-Reporters Mingħajr Fruntieri meta mqabbla mal-84 pożizzjoni fis-sena preċedenti.

Il-Kumitat ta' Esperti dwar il-Media ppreżenta r-rapport finali tiegħu f'Lulju 2023 fejn irrakkomanda diversi miżuri biex jittejjeb ix-xenarju tal-media u s-sikurezza tal-ġurnalisti. Ir-Rapport tal-2023 dwar l-Istat tad-Dritt irrakkomanda lil Malta biex “[t]adotta salvagwardji leġiżlattivi u oħrajn sabiex ittejjeb l-ambjent tax-xogħol tal-ġurnalisti, inkluż dwar l-aċċess għal dokumenti uffiċjali, b’kont meħud tal-istandards Ewropej dwar il-protezzjoni tal-ġurnalisti u dwar l-aċċess għal dokumenti uffiċjali”¹⁴⁸. Il-Kumitat ta' Esperti dwar il-Media¹⁴⁹ ppreżenta r-rapport finali tiegħu f'Lulju 2023¹⁵⁰. Il-Gvern ressaq ir-rapport tal-Kumitat fil-Parlament f'Ottubru 2023, u fl-istess ħin ħabbar li se jippubblika White Paper dwar kwistjonijiet tal-media biex jiżgura konsultazzjoni mifruxa¹⁵¹. Flimkien ma' dan, il-Gvern ħabbar li se jippubblika l-miżuri nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva kontra s-SLAPP¹⁵² sal-aħħar ta' Lulju¹⁵³. Ir-rapport tal-Kumitat ta' Esperti ppropona għadd ta' emendi għall-abbozzi ta' liġijiet imressqa qabel u sussegwentement sospiżi mill-Gvern, inklużi emendi għall-Kostituzzjoni ta' Malta, il-Kodiċi Kriminali, il-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u l-Proċedura Kriminali u l-Att dwar il-Media u d-Difama¹⁵⁴. Ir-rapport għamel ukoll diversi rakkomandazzjonijiet oħra relatati ma' aspetti tax-xenarju tal-media f'Malta, bħall-istabbiliment ta' sistema biex jiġi żgurat finanzjament pubbliku trasparenti tad-djar tal-media u r-reklamar mill-Istat, ir-riforma tal-qafas li jirregola l-aċċess għall-informazzjoni pubblika, l-inkorporazzjoni tal-protezzjoni tas-sorsi ġurnalistiċi fil-Kostituzzjoni, u l-ħatra ta' kumitat ad hoc biex iħejji riformi konkreti tax-xandir tas-servizz pubbliku. Barra minn hekk, ir-rapport għamel għadd ta' osservazzjonijiet fir-rigward tal-bosta sfidi finanzjarji li qed tiffaċċja l-media. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili komplew jindikaw li fil-proċess ma kienx hemm konsultazzjoni pubblika xierqa¹⁵⁵ u enfasizzaw li r-rapport tal-Kumitat ta' Esperti ma pproponiex soluzzjonijiet tanġibbli għal ċerti kwistjonijiet kritiċi¹⁵⁶. L-għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media tal-2024 tqis li l-livell ta' riskju ġenerali għaż-żona ta' protezzjoni fundamentali żdied minn riskju baxx għal riskju medju, filwaqt li enfasizza l-proċess leġiżlattiv wieqaf, l-inċidenza għolja tal-każijiet SLAPP u l-kampanji frekwenti ta' malafama¹⁵⁷. Għalhekk, sar xi progress dwar ir-rakkomandazzjonijiet li saru fis-snin preċedenti.

Ma kien hemm l-ebda żvilupp biex jiġu stabbiliti kriterji trasparenti għall-allokazzjoni tal-finanzjament pubbliku għall-mezzi tal-media u lanqas għall-allokazzjoni tar-

¹⁴⁸ Ir-Rapport tal-2023 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt f'Malta, p. 2.

¹⁴⁹ Il-Gvern Malti, Establishment of a Committee of Experts on Media, it-3 ta' Jannar 2022. Il-pubblikazzjoni tar-rapport finali tal-Kumitat seħħet wara diversi dewmien.

¹⁵⁰ Kumitat ta' Esperti dwar is-Settur tal-Media, Rapport Finali tal-24 ta' Lulju 2023.

¹⁵¹ Il-White Paper ma kinitx ġiet ippubblikata fiż-żmien tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-rapport.

¹⁵² Id-Direttiva (UE) 2024/1069 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jinvolve ruħhom f'parteċipazzjoni pubblika minn talbiet manifestament infondati jew proċedimenti tal-qorti abbużivi.

¹⁵³ Kontribut bil-miktub mill-Gvern Malti fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta.

¹⁵⁴ Ara r-Rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt f'Malta, p. 16.

¹⁵⁵ Ir-Rapport tal-2023 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt f'Malta, p. 16-17.

¹⁵⁶ Kontribut bil-miktub mill-Fondazzjoni Daphne Caruana Galizia fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta, p. 7, u l-kontribut minn Repubblika għar-Rapport tal-2024 dwar l-Istat tad-Dritt, li jindika li, fost l-oħrajn, ir-rapport finali tal-Kumitat naqas milli jipproponi miżuri tanġibbli fir-rigward tax-xandir tas-servizz pubbliku, l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni u l-finanzjament pubbliku lill-media.

¹⁵⁷ L-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media tal-2024, ir-rapport dwar Malta, p. 11-13.

reklamar mill-Istat. Il-pożizzjoni legali tal-linji gwida dwar ir-reklamar tal-gvern u l-materjal promozzjonali adottati mill-uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika¹⁵⁸ ġiet ikkontestata mill-Kumitat tal-Istandards tal-Parlament¹⁵⁹. L-allokazzjoni ta' fondi pubbliċi lil ċerti mezzi tal-media għadha bbażata fuq skemi ta' appoġġ *ad hoc* imfassla biex jillimitaw l-impatt taż-żieda fil-kostijiet¹⁶⁰. In-nuqqas ta' qafas legali li jistipula l-kriterji użati għal dawn l-iskemi u għad-distribuzzjoni tar-reklamar mill-Istat jipprovdi lok għal abbuż filwaqt li ċerti mezzi tal-media, b'mod partikolari daww aktar reċenti, jidhru li huma kompletament esklużi minn skemi bħal dawn¹⁶¹. F'Diċembru 2023, l-Assoċjazzjoni tas-Sidien tal-Media, l-ewwel grupp uffiċjali tal-lobbying fis-suq Malti għall-organizzazzjonijiet tal-media stampata u diġitali, ġiet stabbilita mis-sitt l-akbar kumpaniji tal-media, li tnejn minnhom huma proprjetà tal-akbar żewġ partiti politiċi. Il-MPM 2024 tirrimarka li “ma hemm l-ebda sors uniku jew faċilment aċċessibbli biex jiġi skrutinizzat l-infiq tal-gvern fuq ir-reklamar fil-media ... [u li] il-biċċa l-kbira tal-edituri żiedu li l-flus tar-reklamar pubbliku tqassmu u ngħataw jew inżammu b'mod arbitrarju u abbużiv”, filwaqt li żamm punteġġ ta' riskju medju mhux mibdul għal dan il-qasam¹⁶². Barra minn hekk, ma kien hemm l-ebda żvilupp fir-rigward tal-Awtorità tax-Xandir¹⁶³ u t-trasparenza tas-sjieda tal-media¹⁶⁴. Ma hemm l-ebda leġiżlazzjoni f'Malta li tikkonċerna speċifikament il-konċentrazzjoni jew il-fużjonijiet fis-suq tal-media, u la l-Awtorità tax-Xandir u lanqas il-Ministru responsabbli ma jistgħux iħassru l-fużjonijiet u l-akkwiżizzjonijiet f'dan il-qasam. Minħabba n-natura tas-suq tal-media Malti¹⁶⁵, in-nuqqas ta' regoli ta' transproprjetà u n-nuqqas ġenerali ta' *data* disponibbli relatata mas-sehem mis-suq tad-dħul, l-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media tqis il-pluralità tas-suq bħala qasam ta' riskju għoli¹⁶⁶.

Ma sar l-ebda progress fir-rigward tal-adozzjoni ta' salvagwardji biex jittejjeb l-aċċess għad-dokumenti uffiċjali. Ir-Rapport tal-2023 dwar l-Istat tad-Dritt irrakkomanda lil Malta biex “[t]adotta salvagwardji leġiżlattivi u oħrajn sabiex ittejjeb ... l-aċċess għal dokumenti uffiċjali, b'kont meħud tal-istandards Ewropej dwar il-protezzjoni tal-ġurnalisti u dwar l-aċċess għal dokumenti uffiċjali”¹⁶⁷. Studju estern ikkummissjonat mill-Gvern biex jirrevedi l-kwistjoni rrakkomanda l-ħolqien ta' sistema integrata ta' ġestjoni elettronika¹⁶⁸. Madankollu,

¹⁵⁸ Ara r-Rapporti tal-2021, tal-2022 u tal-2023 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt f'Malta.

¹⁵⁹ Kontribut bil-miktub mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta, p. 10. Il-Kummissarju rrakkomanda r-riformulazzjoni tal-linji gwida bħala regoli li għandhom jiġu inkorporati fil-Kodiċi ta' Etika Ministerjali iżda ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni dwar il-kwistjoni mill-Kumitat tal-Istandards.

¹⁶⁰ Iż-żewġ skemi eżistenti qassmu madwar EUR 500 000 fis-sena fuq sentejn u EUR 150 000 lis-sidien tas-sitt pubblikaturi tal-gazzetti ta' Malta.

¹⁶¹ Kontribut bil-miktub mill-Fondazzjoni Daphne Caruana Galizia fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta, p. 9, u l-kontribut minn Repubblika għar-Rapport tal-2024 dwar l-Istat tad-Dritt; Informazzjoni rċevuta minn Reporters Mingħajr Fruntieri (Malta) u l-Istitut tal-Ġurnalisti Maltin fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta.

¹⁶² L-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media tal-2024, ir-rapport dwar Malta, p. 22.

¹⁶³ Ara r-Rapporti tal-2020, tal-2021, tal-2022 u tal-2023 dwar l-Istat tad-Dritt, il-kapitolu tal-pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt f'Malta.

¹⁶⁴ *Ibidem*.

¹⁶⁵ *Ibidem*.

¹⁶⁶ L-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media tal-2024, ir-rapport dwar Malta, p. 15.

¹⁶⁷ Ir-Rapport tal-2023 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt f'Malta, p. 2.

¹⁶⁸ Ir-Rapport Finali tal-Kumitat ta' Esperti dwar is-Settur tal-Media tal-24 ta' Lulju 2023 jagħmel referenza għal dan l-istudju estern. Ukoll, informazzjoni rċevuta mill-Kummissarju għall-Infommazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta. Madankollu, l-istudju nnifsu mhux aċċessibbli.

ma ttieħdu l-ebda passi u jidher li ma hemm l-ebda pjan biex jiġu adottati salvagwardji biex jittejjeb l-aċċess għad-dokumenti jew permezz ta' rieżami tal-Att dwar il-Libertà tal-Infommazzjoni nnifsu jew permezz ta' analiżi tal-implimentazzjoni tiegħu fil-prattika. L-NGOs u l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-ġurnalisti jikkonfermaw li s-soċjetà ċivili u l-ġurnalisti għadhom qed jiffaċċjaw bosta ostakli u dewmien meta jitolbu informazzjoni pubblika¹⁶⁹. Għal dawn ir-raġunijiet l-MPM 2024 irreveda l-punteġġ tar-riskju tiegħu minn punteġġ ta' riskju medju għal riskju għoli għal dan il-qasam b'referenza għan-nuqqas ta' riforma, id-dewmien arbitrarju u t-tendenza mill-gvern li jinjora l-media kritika¹⁷⁰. Għalhekk, ma sar l-ebda progress f'din il-parti tar-rakkomandazzjonijiet li saru fis-snin preċedenti.

Ma kien hemm l-ebda progress biex titjeb il-governanza indipendenti u l-indipendenza editorjali tax-xandir pubbliku. Ir-Rapport tal-2023 dwar l-Istat tad-Dritt irrakkomanda li Malta "[i]ssaħħa ir-regoli u l-mekkaniżmi sabiex ittejjeb il-governanza indipendenti u l-indipendenza editorjali tal-media tas-servizz pubbliku b'kont meħud tal-istandards Ewropej dwar il-media tas-servizz pubbliku"¹⁷¹. Ir-rapport finali tal-Kumitat tal-Esperti tal-Media rrakkomanda l-ħatra ta' kumitat *ad hoc* biex janalizza s-sitwazzjoni attwali u jipproponi riformi biex jissaħħa ix-xandir pubbliku b'mod li jiżgura l-oġġettività, l-indipendenza, l-imparzjalità u r-responsabbiltà tiegħu iżda ma ttieħdu l-ebda passi mill-Gvern f'dan ir-rigward¹⁷². Il-MPM ikkunsidra b'mod konsistenti n-nuqqas ta' indipendenza tal-governanza tas-servizz pubbliku u l-finanzjament tiegħu bħala qasam li jippreżenta riskju għoli ħafna f'Malta, sitwazzjoni li tikkonferma għal darb'oħra din is-sena¹⁷³. Għalhekk, ma sar l-ebda progress dwar ir-rakkomandazzjonijiet li saru fis-snin preċedenti¹⁷⁴.

Il-ġurnalisti għadhom qed jiffaċċjaw sfidi fl-eżerċizzju tal-professjoni tagħhom. Il-ġurnalisti, l-Istitut tal-Ġurnalisti Maltin, l-Assoċjazzjoni tas-Sidien tal-Media kif ukoll l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jenfasizzaw li r-restrizzjonijiet ekonomiċi issa qed jaggravaw serjament il-problemi enfasizzati f'rapporti preċedenti¹⁷⁵. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jqisu li n-nuqqas ta' kundanni kriminali, sal-lum, għall-moħħ jew l-imħuħ wara l-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia u għall-korruzzjoni ta' livell għoli li Daphne Caruana Galizia kienet qed tirrapporta dwarha fis-snin ta' qabel il-qtil tagħha jikkostitwixxi effett dissuaziv għall-ġurnalisti investigattivi¹⁷⁶. L-MPM 2024 naqqas bi ftit il-punteġġ tar-riskju tiegħu fi ħdan il-banda ta' riskju medju għal dan il-qasam, peress li jindika li l-Istitut għall-Ġurnalisti Maltin dejjem iwieġeb, permezz ta' dikjarazzjonijiet, għal attacki diretti kontra l-ġurnalisti¹⁷⁷. Il-pjattaforma tal-Kunsill tal-Ewropa għall-promozzjoni tal-protezzjoni

¹⁶⁹ Informazzjoni rċevuta minn Reporters Mingħajr Fruntieri (Malta), l-Istitut tal-Ġurnalisti Maltin u Repubblika fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta.

¹⁷⁰ L-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media tal-2024, ir-rapport dwar Malta, p. 12.

¹⁷¹ Ir-Rapport tal-2023 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt f'Malta, p. 2. Ara wkoll ir-Rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt f'Malta, p. 2.

¹⁷² Il-Kumitat ta' Esperti dwar is-Settur tal-Media, Rapport Finali tal-24 ta' Lulju 2023, p. 15.

¹⁷³ L-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media tal-2024, ir-rapport dwar Malta, p. 22.

¹⁷⁴ Skont l-Ewrobarometru Flash tal-Parlament Ewropew: Fl-istħarriġ tal-2023 dwar l-Aħbarijiet u l-Media, 39 % ta' dawk li wiegħbu f'Malta ddikjaraw li jafdaw l-istazzjonijiet pubbliċi tat-televiżjoni u tar-radju, taħt il-medja tal-UE ta' 48 %.

¹⁷⁵ Kontributi bil-miktub mill-Fondazzjoni Daphne Caruana Galizia (pp. 8-9), Repubblika u l-Assoċjazzjoni tas-Sidien tal-Media fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta. Informazzjoni rċevuta minn Reporters Mingħajr Fruntieri (Malta) u l-Istitut tal-Ġurnalisti Maltin fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta.

¹⁷⁶ *Ibidem*.

¹⁷⁷ L-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media tal-2024, ir-rapport dwar Malta, p. 12.

tal-ġurnaliżmu u s-sikurezza tal-ġurnalisti ma rrapportat l-ebda allert ġdid relatat mas-sikurezza tal-ġurnalisti mill-pubblikazzjoni tal-aħħar rapport dwar l-istat tad-dritt¹⁷⁸.

IV. KWISTJONIJIET ISTITUZZJONALI OĦRA RELATATI MA' SISTEMA TA' KONTROKONTROLLI

Malta hija Repubblika Parlamentari fejn is-setgħa leġislattiva hija vestita fil-Kamra tar-Rappreżentanti, li huwa Parlament b'kamra waħda eletta għal mandat ta' ħames snin. L-awtorità eżekuttiva hija f'idejn il-President elett mill-Parlament, u fil-Kabinett immexxi mill-Prim Ministru. Il-Ministri kollha tal-Gvern, inkluż il-Prim Ministru, iridu jkunu membri tal-Parlament. Il-Qorti Kostituzzjonali twestaq rieżami kostituzzjonali *ex post* peress li tisma' l-appelli għad-deċiżjonijiet ta' qراطي oħra dwar kwistjonijiet relatati mal-interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni u dwar il-validità tal-liġijiet, kif ukoll appelli għad-deċiżjonijiet dwar l-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali. Il-Kostituzzjoni tistabbilixxi għadd ta' awtoritajiet indipendenti, inkluż l-Uffiċċju tal-Ombudsperson¹⁷⁹.

Filwaqt li kien hemm xi konsultazzjonijiet publiċi fil-proċess leġislattiv, ma hemm l-ebda qafas fis-seħħ. Ir-rapport tal-2023 dwar l-Istat tad-Dritt irrakkomanda lil Malta biex “[t]introduċi qafas għall-parteċipazzjoni pubblika fil-proċess leġislattiv”¹⁸⁰. Kif indikat f'Rapporti preċedenti dwar l-Istat tad-Dritt, ma hemm l-ebda regola jew linja gwida stabbiliti dwar involviment pubbliku fl-abbozzar tal-leġislazzjoni¹⁸¹. Il-konsultazzjonijiet isiru minn żmien għal żmien u fuq bażi *ad hoc*. Ma hemm l-ebda trasparenza jew informazzjoni kondiżiżja pubblika dwar kif l-informazzjoni miġbura matul proċess ta' konsultazzjoni pubblika fil-fatt tintuża¹⁸². Dan japplika għall-inizjattivi ta' leġislazzjoni kemm tal-gvern kif ukoll tal-Parlament¹⁸³. L-awtoritajiet spjegaw li, fl-2023, ġew ippubblikati 62 konsultazzjoni pubblika u li s-sit web rilevanti¹⁸⁴ ġie aġġornat biex isir aktar aċċessibbli u faċli għall-utent, biex jissaħħaħ il-proċess ta' konsultazzjoni pubblika¹⁸⁵. Madankollu, l-awtoritajiet Maltin u l-partijiet ikkonċernati indikaw li ma hemm l-ebda regoli jew linji gwida stabbiliti għall-

¹⁷⁸ Il-Kunsill tal-Ewropa, Platform to promote the protection of journalism and safety of journalists.

¹⁷⁹ Il-Kostituzzjoni ta' Malta, art. 64.

¹⁸⁰ Ir-Rapport tal-2023 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt f'Malta, p. 2.

¹⁸¹ Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt f'Malta, p. 15; Ir-Rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt f'Malta, p. 19; Ir-Rapport tal-2023 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt f'Malta, p. 19-20.

¹⁸² Kontribut bil-miktub mill-Fondazzjoni Daphne Caruana Galizia fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta, p. 12.

¹⁸³ Kif imsemmi fir-Rapport tal-2023 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt f'Malta, pp. 20-21, il-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati mill-gvern huma soġġetti għad-diskrezzjoni tal-Ministeru responsabbli ta' huma inkonsistenti bejn il-Ministeri fir-rigward taż-żmien, il-format u l-involviment tal-partijiet ikkonċernati; il-konsultazzjoni mill-kumitati tal-Parlament mal-partijiet ikkonċernati hija soġġetta għal deċiżjoni minn kull Kumitat, u la hija sistematika u lanqas irregolata b'regoli ċari.

¹⁸⁴ <https://www.gov.mt/mt/publicconsultation/Pages/default.aspx>.

¹⁸⁵ Kontribut minn Malta għar-Rapport tal-2024 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 45-46. B'mod partikolari, fl-2023, sar titjib fis-sit web, kif ġej: i) Ir-rappreżentanti tal-ministeri issa jistgħu jikkomunikaw mal-pubbliku direttament mis-sistema tas-CRM (Ġestjoni tar-Relazzjonijiet mal-Klijenti)/backend tal-portal; ii) L-istatistika tiġi ġestita kompletament permezz tal-portal; iii) Is-sistema kollha tal-portal il-ġdid saret aktar faċli għall-utent; iv) Sottomissjonijiet magħmula mill-pubbliku ġenerali permezz ta' mezzi alternattivi (għajr b'mod diġitali — pereżempju permezz ta' servizzi postali jew permezz tal-posta elettronika) jistgħu jiġu integrati faċilment fis-sistema CRM/backend. Ara l-kontribut bil-miktub mill-Gvern Malti fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta, pp. 3-4.

parteċipazzjoni pubblika fil-proċess leġislativ u li ma ttehdhu l-ebda passi biex dawn jiġu introdotti¹⁸⁶. Il-partijiet ikkonċernati tennew ukoll li l-liġijiet ewlenin dwar kwistjonijiet ta' ġustizzja u ordni pubbliku rament jiġu rilaxxati għall-konsultazzjoni pubblika qabel l-adozzjoni tagħhom¹⁸⁷. Peress li għadha nieqsa proċedura strutturata għall-involvement pubbliku fil-proċess leġislativ, sar biss xi progress dwar ir-rakkomandazzjoni li saret fir-Rapport tal-2023 dwar l-Istat tad-Dritt.

Għadu ma sar l-ebda progress fl-istabbiliment ta' Istituzzjoni Nazzjonali għad-Driftijiet tal-Bniedem. Ir-Rapport tal-2023 dwar l-Istat tad-Dritt irrakkomanda lil Malta biex "[t]ieħu miżuri biex tistabbilixxi Istituzzjoni Nazzjonali għad-Driftijiet tal-Bniedem b'kont meħud tal-Prinċipji ta' Pariġi tan-NU"¹⁸⁸. Kif ikkonfermat mill-partijiet ikkonċernati¹⁸⁹, minn Lulju 2023, ma ttehdhu l-ebda passi biex tiġi stabbilita istituzzjoni nazzjonali għad-driftijiet tal-bniedem (NHRI). Il-Gvern spjega li żewġ abbozzi ta' liġijiet ippreżentati fil-Parlament fl-2019¹⁹⁰, bl-għan li tiġi stabbilita NHRI f'konformità mal-Prinċipji ta' Pariġi tan-NU, bħalissa qed jiġu riveduti u impenja ruħu li jippubblika l-verżjoni riveduta għall-konsultazzjoni pubblika f'Lulju 2024, qabel ma titressaq fil-Parlament f'Ottubru 2024, wara li jkun qies il-feedback riċevut mill-partijiet ikkonċernati¹⁹¹. B'mod ġenerali, għadu ma sar l-ebda progress dwar ir-rakkomandazzjoni li saret fir-Rapport tal-2023 dwar l-Istat tad-Dritt.

Il-Konvenzjoni Kostituzzjonali li tħabbret fl-2019 biex tgħin tindirizza kwistjonijiet li jikkonċernaw il-ħatra ta' korpi kostituzzjonali u r-rwol tal-Parlament għadha wieqfa. Kif indikat f'Rapporti preċedenti dwar l-Istat tad-Dritt¹⁹², fl-2019, il-President tar-Repubblika ħabbar l-intenzjoni tiegħu li jniedi Konvenzjoni Kostituzzjonali biex jindirizza kwistjonijiet

¹⁸⁶ Kontributi mill-Fondazzjoni Aditus (p. 27) u Repubblika (p. 26) għar-Rapport tal-2024 dwar l-Istat tad-Dritt; Kontributi bil-miktub mill-Kmamar tal-Avukati (p. 3) u l-Fondazzjoni Daphne Caruana Galizia (p. 12) fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta.

¹⁸⁷ Kontribut minn Repubblika għar-Rapport tal-2024 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 31. Il-Fondazzjoni Aditus tenniet li n-nuqqas ta' konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati għadu hemm u huwa aggravat mill-perjodi ta' żmien qosra mogħtija lill-partijiet ikkonċernati biex iwieġbu għall-konsultazzjonijiet ippubblikati u mill-użu estensiv ta' regolamenti u avviżi legali, jiġifieri liġijiet sussidjarji abbozzati u mdaħħla fis-seħħ mill-Ministru rilevanti f'konformità mas-setgħat abilitanti mogħtija fil-leġislazzjoni primarja. Biex l-avviżi legali jsiru liġi, ma huma meħtieġa l-ebda dibattiti jew mozzjonijiet parlamentari għall-promulgazzjoni tagħhom (ara l-kontribut mill-Fondazzjonijiet Aditus għar-Rapport tal-2024 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 28). F'dan ir-rigward, ara wkoll ir-Rapport tal-2023 dwar l-Istat tad-Dritt, il-kapitolu tal-pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt f'Malta, p. 21. Min-naħa l-oħra, ta' min jinnota li, f'Malta, 7 % biss tal-kumpaniji mistħarrġa jipperċepixxu l-bidliet frekwenti fil-leġislazzjoni jew it-tħassib dwar il-kwalità tal-proċess tat-tfassil tal-liġijiet bħala raġuni għan-nuqqas ta' fiduċja fil-protezzjoni tal-investment. Illustrazzjoni 56, Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2024.

¹⁸⁸ Ara r-Rapport tal-2023 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt f'Malta, p. 2. Fl-2023, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kien sar "l-ebda progress" fuq din ir-rakkomandazzjoni diġà inkluża fir-Rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 2.

¹⁸⁹ Kontribut mill-Fondazzjoni Aditus għar-Rapport tal-2024 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 27; Kontribut bil-miktub mill-Fondazzjoni Daphne Caruana Galizia (p. 12) u l-Uffiċċju tal-Ombudsman Parlamentari (p. 2) fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta.

¹⁹⁰ L-abbozzi ta' liġi Nru 97 – l-Abbozz ta' Liġi tal-Kummissjoni għad-Driftijiet tal-Bniedem u l-Ugwaljanza, u 96 – l-Abbozz ta' Liġi dwar l-Ugwaljanza, it-tnejn ippreżentati fid-19 ta' Lulju 2019. L-abbozz Nru 97 ġie diskuss l-aħħar f'Novembru 2019, l-Abbozz ta' Liġi Nru 96 f'Novembru 2020.

¹⁹¹ Kontribut bil-miktub mill-Gvern fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fis-Slovenja, p. 29.

¹⁹² Ir-Rapport tal-2023 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt f'Malta, p. 21; Ir-Rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt f'Malta, p. 20; Ir-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt f'Malta, p. 17.

rigward il-proċeduri tal-ħatra tal-korpi¹⁹³ u r-rwol tal-Parlament¹⁹⁴. F'Diċembru 2023, l-eks President tar-Repubblika ammetta li l-proċess tat-tnedija ta' Konvenzjoni kien wehel¹⁹⁵. Se jkun f'idejn il-President il-gdid¹⁹⁶ li tiddeċiedi jekk terġax jattivah¹⁹⁷.

Fl-1 ta' Jannar 2024, Malta kellha 15-il sentenza ewlenija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li l-implimentazzjoni tagħhom kienet għadha pendenti, l-istess bħas-sena ta' qabel. F'dak iż-żmien, ir-rata ta' sentenzi ewlenin ta' Malta, mill-aħħar 10 snin, li baqgħu pendenti, kienet ta' 57 % (b'paragun ma' 45 % fl-2023) u ż-żmien medju li s-sentenzi kienu ilhom pendenti għall-implimentazzjoni kien ta' 6 snin (b'paragun ma' 5 snin u 4 xhur fl-2023)¹⁹⁸. L-eqdem sentenza ewlenija, li kienet ilha 16-il sena pendenti għall-implimentazzjoni, tikkonċerna restrizzjonijiet sproporzjonati għad-drittijiet tal-proprietà¹⁹⁹. Fir-rigward tar-rispett tal-iskadenzi għall-pagamenti, fl-31 ta' Diċembru 2023 kien hemm total ta' 6 każi li kienu qed jistennaw il-konferma tal-pagamenti (b'paragun ma' 1 fl-2022)²⁰⁰. Fl-1 ta' Lulju 2024, l-għadd ta' sentenzi ewlenin pendenti għall-implimentazzjoni naqas għal 14²⁰¹.

Għad hemm inċertezza dwar l-effett *erga omnes* tas-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali, peress li huwa f'idejn il-Parlament li jirrevoka jew jemenda l-liġijiet li nstabu antikostituzzjonali. Kif indikat fir-Rapporti preċedenti dwar l-Istat tad-Dritt²⁰², skont il-qafas kostituzzjonali, is-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali ma għandhomx applikabbiltà universali, u dan jippermetti li l-liġijiet antikostituzzjonali jibqgħu validi sakemm il-Parlament iħassarhom²⁰³. Il-Kummissjoni ta' Venezia enfasizzat it-tħassib dwar l-

¹⁹³ Bħall-Kummissjoni Elettorali, il-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku, l-Awtorità tax-Xandir, il-Bank Ċentrali ta' Malta u l-Kummissarju għall-Infurmazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data.

¹⁹⁴ B'referenza partikolari għall-kapaċità tiegħu li jeżerċita kontroll effettiv fuq il-gvernijiet.

¹⁹⁵ Iż-żminijiet ta' Malta (2023), il-President kien "impedit" milli jkompli l-ħidma fuq ir-riforma Kostituzzjonali.

¹⁹⁶ Is-Sinjura Myriam Spiteri Debono ġiet eletta għall-pożizzjoni ta' President ta' Malta fis-27 ta' Marzu 2024 u ħadet il-kariga fl-4 ta' April 2024.

¹⁹⁷ Infurmazzjoni rċevuta mill-Gvern Malti u s-Segretarjat tal-Parlament fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta.

¹⁹⁸ Iċ-ċifri kollha huma kkalkulati min-*Network Ewropew għall-Implimentazzjoni* u huma bbażati fuq l-għadd ta' każijiet li jitqiesu pendenti fid-data ta' skadenza annwali tal-1 ta' Jannar 2024. Ara l-Kontribut tan-*Network Ewropew għall-Implimentazzjoni għar-Rapport tal-2024* dwar l-Istat tad-Dritt, p. 6.

¹⁹⁹ Is-Sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tas-26 ta' Settembru 2006, *Ghigo vs Malta*, 31122/05, li għadu pendenti għall-implimentazzjoni sa mill-2006.

²⁰⁰ Il-Kunsill tal-Ewropa (2024), *Superviżjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenzi deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem – is-17 Rapport Annwali tal-Kumitat tal-Ministri – 2023*, p. 137.

²⁰¹ Id-data skont il-bażi tad-data online tal-Kunsill tal-Ewropa (HUDOC-EXEC).

²⁰² Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt f'Malta, p. 5; Ir-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt f'Malta, p. 17; Ir-Rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt f'Malta, p. 20; Ir-Rapport tal-2023 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt f'Malta, p. 22.

²⁰³ Skont l-awtoritajiet Maltin, din ma tkunx kwistjoni għal żewġ raġunijiet ewlenin. L-ewwel nett, is-sentenzi li jqisu li l-liġijiet huma antikostituzzjonali jew bi ksur tal-Karta Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jintbagħtu mir-Reġistratur tal-Qorti lill-Ispeaker tal-Parlament sabiex il-Parlament ikun jista' jiddetermina jekk hijiex meħtieġa emenda tal-liġi. Jekk dan jitqies neċessarju, l-emenda tal-liġi trid issir fi żmien 6 xhur minn meta s-sentenza tkun saret finali. It-tieni, għaliex anki jekk il-Qrati mhumx marbuta b'deċiżjoni preċedenti tal-Qrati, dawn ma jwarrbux b'mod arbitrarju l-prinċipji u l-kunsiderazzjonijiet magħmula f'sentenzi preċedenti. Kontribut bil-miktub mill-Gvern Malti fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta, p. 32-33.

inkonsistenza tal-Parlament fl-aderenza mas-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali²⁰⁴. L-awtoritajiet ikkonfermaw li ma ttehdhu l-ebda passi biex tiġi indirizzata din il-kwistjoni²⁰⁵.

Għaddejjin sforzi biex jiġi stabbilit qafas regolatorju ta' appoġġ għas-settur tas-soċjetà ċivili. L-ispazju ċiviku għadu jiġi vvalutat bħala “ristrett”²⁰⁶. L-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji jkompli jkun involut f'konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati ewlenin biex jivvaluta l-istatus tas-settur volontarju, inkluża s-soċjetà ċivili, bil-ħsieb li jiġi stabbilit qafas regolatorju għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSC). Rapport li jippreżenta l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet huwa mistenni li joħroġ fix-xhur li ġejjin²⁰⁷. B'mod ġenerali, il-partijiet ikkonċernati jirrapportaw li l-finanzjament huwa problema kontinwa għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, li huma mitluba joperaw bi fteit riżorsi u flussi ta' dħul mhux affidabbli²⁰⁸. Barra minn hekk, dawn iqajmu sfidi rigward in-nuqqas ġenerali ta' trasparenza tal-Gvern u n-nuqqas ta' involviment pożittiv mal-OSC²⁰⁹. Huwa rrapportat ukoll li n-narrattiva pubblika madwar xi OSC għandha t-tendenza li toħloq atmosfera ta' nuqqas ta' fiduċja f'dawk l-organizzazzjonijiet²¹⁰.

²⁰⁴ L-opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezia, CDL-AD(2020)006, il-paragrafi 80-84.

²⁰⁵ Informazzjoni rċevuta mill-Gvern Malti fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta.

²⁰⁶ Ara l-klassifikazzjoni mogħtija minn CIVICUS. Il-klassifikazzjonijiet huma fuq skala ta' ħames kategoriji ddefiniti bħala: miftuħ, dejjaq, ostakolat, imrażżan u magħluq.

²⁰⁷ Informazzjoni rċevuta mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta.

²⁰⁸ Kontribut bil-miktub mill-Fondazzjoni Daphne Caruana Galizia fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta, p. 10; Kontribut minn Repubblika (p. 35) u l-Fondazzjoni Aditus (p. 33) għar-Rapport tal-2024 dwar l-Istat tad-Dritt; Informazzjoni rċevuta mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta.

²⁰⁹ Kontribut bil-miktub mill-Fondazzjoni Daphne Caruana Galizia fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta, p. 10-11.

²¹⁰ Ġew irrappurtati każijiet ta' attakki retorici fuq il-media soċjali kontra rappreżentanti tal-NGOs. Kontribut bil-miktub mill-Fondazzjoni Daphne Caruana Galizia fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta, p. 11.

Anness I: Lista ta' sorsi f'ordni alfabetika*

* Il-lista tal-kontributi rċevuti fil-kuntest tal-konsultazzjoni għar-Rapport tal-2024 dwar l-Istat tad-Dritt tista' tiġi aċċessata fuq https://commission.europa.eu/publications/2024-rule-law-report-targeted-stakeholder-consultation_en.

Fondazzjoni Aditus (2024), *Kontribut mill-Fondazzjoni Aditus għar-Rapport tal-2024 dwar l-Istat tad-Dritt*.

Assoċjazzjoni tas-Sidien tal-Media (2024), *Kontribut bil-miktub mill-Assoċjazzjoni tas-Sidien tal-Media fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta*.

Abbozz ta' Liġi Nru 96, *Abbozz ta' Liġi dwar l-Ugwaljanza*.

Abbozz ta' Liġi Nru 97, *Abbozz ta' Liġi tal-Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ugwaljanza*.

Il-Bord ta' Inkjesta (2021), *Ir-Rapport ta' Inkjesta Pubblika Daphne Caruana Galizia*.

Ċentru għall-Pluraliżmu tal-Media u l-Libertà tal-Media (2024), *Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Midja tal-2024*.

CEPEJ (2024), *Studju dwar il-funzjonament tas-sistemi gudiżzarji fl-Istati Membri tal-UE*.

Il-Kamra tal-Avukati (2024), *Kontribut bil-miktub mill-Kamra tal-Avukati fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta*.

Il-Prim Imħallef (2023), *Diskors tal-Prim Imħallef Mark Chetcuti fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni tas-sena gudiżzarja 2023-2024*, <https://judiciary.mt/diskorsi-mill-prim-imhallef/>.

Civicus, *Monitor tracking civic space – Malta*, <https://monitor.civicus.org/country/malta/>.

Kumitat ta' Esperti dwar is-Settur tal-Media (2023), *Rapport Finali tal-Kumitat ta' Esperti dwar is-Settur tal-Media*.

Il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika (2021), *Who Are Persons of Trust? A Guidance Note* (riveduta fit-28 ta' April 2021).

Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika (2024), *Kontribut bil-miktub mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta*.

Kumitat ta' Esperti dwar il-Media (2023), *Rapport Finali tal-24 ta' Lulju 2023*.

Il-Kunsill tal-Ewropa: Il-Kumitat tal-Ministri (2003), *Ir-Rakkomandazzjoni Rec(2003) 4 dwar regoli komuni kontra l-korruzzjoni fil-finanzjament tal-partiti politiċi u l-kampanji elettorali*.

Il-Kunsill tal-Ewropa: Il-Kumitat tal-Ministri (2010), *Ir-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2010)12 tal-Kumitat tal-Ministri lill-Istati Membri dwar l-imħallfin: indipendenza, effiċjenza u responsabbiltajiet*.

Il-Kunsill tal-Ewropa: Il-Kummissjoni ta' Venezja (2019), *Parameters on the Relationship between the Parliamentary Majority and the Opposition in a Democracy: a checklist* (CDL-AD(2019)015-e).

Il-Kunsill tal-Ewropa: Il-Kummissjoni ta' Venezja (2020), *Malta – Opinion on proposed legislative changes* (CDL-AD(2020)006).

Il-Kunsill tal-Ewropa: Il-Kummissjoni ta' Venezja (2020), *CDL-AD(2020)019-e, Opinion of 8 October 2020 on Malta - Opinion on ten Acts and bills implementing legislative proposals subject of Opinion CDL-AD(2020)006*.

Il-Kunsill tal-Ewropa (2024), *Superviżjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenzi deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem – is-17-il Rapport Annwali tal-Kumitat tal-Ministri – 2023*.

Il-Kunsill tal-Ewropa: Pjattaforma biex tippromwovi l-protezzjoni tal-ġurnaliżmu u s-sikurezza tal-ġurnalisti.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, *Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika ta' Malta, il-Kawża C-181/23*.

Il-Qrati tal-Ġustizzja ta' Malta (2024), *Kontribut mill-Qrati tal-Ġustizzja ta' Malta għar-Rapport tal-2024 dwar l-Istat tad-Dritt*.

Il-Fondazzjoni Daphne Caruana Galizia (2024), *Kontribut bil-miktub mill-Fondazzjoni Daphne Caruana Galizia fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta*.

Id-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni (2023), *L-Ewrobarometru Flash 524 – L-attitudnijiet tan-negozji lejn il-korruzzjoni fl-UE*.

Id-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni (2023), *L-Ewrobarometru Flash 534 – L-attitudnijiet tan-negozji lejn il-korruzzjoni fl-UE*.

Id-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni (2024), *L-Ewrobarometru Flash 543 – L-attitudnijiet tan-negozji lejn il-korruzzjoni fl-UE*.

Id-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni (2024), *L-Ewrobarometru Flash 548 – L-attitudnijiet tan-negozji lejn il-korruzzjoni fl-UE*.

UPPE (2024), *Rapport Annwali 2023*.

UPPE (2024), *Kontribut tal-EPPO għar-Rapport tal-2024 dwar l-Istat tad-Dritt*.

Il-Kummissjoni Ewropea (2019), *Rapport mill-Kummissjoni dwar skemi ta' ċittadinanza u residenza għal investituri fl-UE*.

Il-Kummissjoni Ewropea (2021), *Pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Malta*.

Il-Kummissjoni Ewropea (2020), *Rapport dwar l-Istat tad-Dritt tal-2021, il-kapitolu tal-pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt f'Malta*.

Il-Kummissjoni Ewropea (2021), *Rapport dwar l-Istat tad-Dritt tal-2021, il-kapitolu tal-pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt f'Malta*.

Il-Kummissjoni Ewropea (2022), *It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2022*.

Il-Kummissjoni Ewropea (2022), *Rapport dwar l-Istat tad-Dritt tal-2022, il-kapitolu tal-pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt f'Malta*.

Il-Kummissjoni Ewropea (2023), *Rapport dwar l-Istat tad-Dritt tal-2023, il-kapitolu tal-pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt f'Malta*.

Il-Kummissjoni Ewropea (2024), *Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE*.

Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, *is-sentenza tas-26 ta' Settembru 2006, Ghigo vs Malta, 31122/05*.

In-Network Ewropew ta' Implimentazzjoni (2024), *Kontribut għar-Rapport tal-2024 dwar l-Istat tad-Dritt*.

Il-Parlament Ewropew (2023), *Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Ottubru 2023 dwar l-istat tad-dritt f'Malta: sitt snin wara l-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia, u l-ħtieġa li l-ġurnalisti jiġu protetti*.

Il-Parlament Ewropew (2023), *Flash Eurobarometer: Stħarriġ dwar il-Media tal-Aħbarijiet*.

GRECO (2024), *Il-Ħames Ċiklu ta' Evalwazzjoni tat-Tieni Rapport ta' Konformità dwar Malta*.

L-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar (1977), *Lima Declaration of Guidelines on Auditing Precepts*.

L-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar (2019), *Mexico Declaration on Supreme Audit Institutions Independence*.

Lovin Malta (2023), *Transport Malta Driving License Whistleblower Allegedly Deported After Permit Gets Revoked*, <https://lovinmalta.com/news/transport-malta-driving-license-whistleblower-allegedly-deported-after-permit-gets-revoked/>.

Lovin Malta (2024), *At Least €60 Million: Here's How Much The Key Vitals Players Siphoned Off From Concession*, <https://lovinmalta.com/opinion/analysis/at-least-e60-million-heres-how-much-the-key-vitals-players-siphoned-off-from-concession/>.

Il-Pulizija ta' Malta (2024), *Kontribut bil-miktub mingħand il-Pulizija fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta*.

Malta Today (2024), *Muscat to be charged with money laundering, bribery and corruption*, https://www.maltatoday.com.mt/news/national/129059/breaking_muscat_to_be_charged_with_money_laundering_bribery_and_corruption.

Il-Gvern ta' Malta (2022), *It-twaqqif ta' Kumitat ta' Esperti dwar il-Media*.

Il-Gvern ta' Malta (2024), *Kontribut minn Malta għar-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt tal-2024*.

Il-Gvern Malti (2024), *Kontribut bil-miktub mill-Gvern Malti fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta*.

Il-Gvern Malti (2024), *Kontribut bil-miktub mill-Gvern Malti*.

Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditjar (2022), *Rapport Annwali tal-Awditjar Kontijiet Pubbliċi*.

Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditjar (2023), *Rapport Annwali tal-Attività*.

Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditjar (2023), *Rapport dwar l-Awditi ta' Segwitu, Volum I*.

Il-Konvenzjoni tal-OECD dwar il-Ġlieda Kontra t-Tixħim tal-Uffiċjali Pubbliċi Barranin fit-Tranżazzjonijiet Kummerċjali Internazzjonali, Status ta' Ratifika.

L-Uffiċċju tal-Ombudsman Parlamentari (2024), *Kontribut bil-miktub fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta*.

Organized Crime and Corruption Reporting Project (2024), *Emails Show How Millions Flowed to 'Political Consultants' in Malta Hospital Corruption Case*, <https://www.occrp.org/en/investigations/emails-show-how-millions-flowed-to-political-consultants-in-malta-hospital-corruption-case>.

Organized Crime and Corruption Reporting Project (2024), *Malta Charges Ex PM and His Top Officials with Corruption*, <https://www.occrp.org/en/daily/18755-malta-charges-ex-pm-and-his-top-officials-with-corruption>.

Il-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni (2024), *Kontribut bil-miktub mill-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta*.

Il-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku (2024), *Kontribut bil-miktub mill-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta*.

Reporters Mingħajr fruntieri (2024), *2024 World Press Freedom Index*.

Repubblika (2024), *Kontribut minn Repubblika għar-Rapport tal-2024 dwar l-Istat tad-Dritt*.

Repubblika (2024), *Kontribut bil-miktub minn Repubblika fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż f'Malta*.

The Malta Independent (2024), *Criminal charges filed in connection with hospitals inquiry*, <https://www.independent.com.mt/articles/2024-05-06/local-news/Criminal-charges-filed-in-connection-with-Vitals-inquiry-6736260854>.

The Malta Independent (2024), *Muscat to be charged with bribery, corruption and money laundering*, <https://www.independent.com.mt/articles/2024-05-07/local-news/Muscat-to-be-charged-with-bribery-corruption-and-money-laundering-report-6736260883>.

Times of Malta (2023), *Judiciary slams authorities' 'persistent failures', warns system near 'collapse'*, <https://timesofmalta.com/article/judiciary-slams-authorities-persistent-failures-warns.1064940>.

Times of Malta (2023), *Nearly 1,700 magisterial inquiries are pending, one since 1979*, <https://timesofmalta.com/article/nearly-1700-magisterial-inquiries-pending-one-since-1979.1027874>.

Times of Malta (2023), *President was 'prevented' from furthering work on Constitutional reform*, <https://timesofmalta.com/article/president-prevented-furthering-work-constitutional-reform.1072791>.

Times of Malta (2024), *Vitals inquiry: AG files charges against Muscat, Mizzi, Schembri and others*, <https://timesofmalta.com/article/vitals-inquiry-ag-files-charges-muscat-mizzi-schembri-others.1092014>.

Times of Malta (2024), *Who's who: The people and businesses facing charges linked to hospitals deal*, *It's a long list of people with a long list of alleged crimes*, <https://timesofmalta.com/article/who-who-the-people-businesses-facing-charges-linked-hospitals-deal.1092082>.

Transparency International (2024), *L-Indiċi dwar il-Perċezzjoni tal-Korruzzjoni 2023*.

Il-Programm ta' Żvilupp tan-NU (UNDP)/l-Uffiċċju tan-NU kontra d-Droga u l-Kriminalità (UNODC) (2012), *Id-Dikjarazzjoni ta' Jakarta dwar il-Prinċipji għall-Aġenziji Kontra l-Korruzzjoni*.

Il-Programm ta' Żvilupp tan-NU (UNDP)/Uffiċċju tan-NU kontra d-Droga u l-Kriminalità (UNODC) (2013), *Id-Dikjarazzjoni ta' Kuala Lumpur dwar Strateġiji Kontra l-Korruzzjoni*.

L-Uffiċċju tan-NU kontra d-Droga u l-Kriminalità (UNODC) (2003), *Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti Kontra l-Korruzzjoni*.

L-Uffiċċju tan-NU kontra d-Droga u l-Kriminalità (UNODC) (2009), *Gwida Teknika għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti Kontra l-Korruzzjoni*.

L-Uffiċċju tan-NU kontra d-Droga u l-Kriminalità (UNODC) (2015), *Strateġiji Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni, Gwida Prattika għall-Iżvilupp u l-Implimentazzjoni*.

Anness II: Iż-Żjara tal-pajjiż f'Malta

F'Marzu 2024, is-servizzi tal-Kummissjoni kellhom laqgħat virtwali ma':

- L-Assoċjazzjoni tal-Imħallfin u l-Maġistrati ta' Malta
- Assoċjazzjoni tas-Sidien tal-Media
- L-Awditur Ġenerali
- Il-Fondazzjoni Aditus
- L-Awtorità tax-Xandir
- Il-Kamra tal-Avukati
- Il-Prim Imħallef
- Il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
- Il-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji
- Il-Fondazzjoni Daphne Caruana Galizia
- Il-Kummissarju għall-Infommazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data
- Id-Dipartiment tal-Awditjar Intern u l-Investigazzjonijiet
- L-Istitut tal-Ġurnalisti Maltin
- Malta Business Bureau
- Il-Kamra tal-Kummerċ ta' Malta
- Il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ
- Il-Ministeru għall-Ġustizzja u r-Riformi għas-Settur tal-Kostruzzjoni
- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza
- L-Uffiċċju tal-Ombudsman Parlamentari
- L-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali
- L-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat
- Il-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni
- Il-Pulizija: Id-Dipartiment tal-Investigazzjonijiet tar-Reati Finanzjarji
- Il-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku
- Reporters mingħajr fruntieri
- Repubblika
- Is-Segretarjat tal-Parlament

* Il-Kummissjoni Itaqgħet ukoll mal-organizzazzjonijiet li ġejjin f'għadd ta' laqgħat orizzontali:

- Amnesty International EU
- Centre for Democracy and Technology Europe
- Centre for European Volunteering
- Civil Liberties Union for Europe
- Civil Rights Defenders
- Civil Society Europe
- Culture Action Europe
- Democracy Reporting International
- European Centre for Non-Profit Law
- European Civic Forum

- European Federation of Journalists
- European Partnership for Democracy
- European Youth Forum
- Free Press Unlimited
- International Federation for Human Rights
- International Planned Parenthood Federation
- International Press Institute
- Irish Council for Civil Liberties
- JEF Europe
- Open Society Foundations
- Philanthropy Europe Association
- PICUM
- Reporters Without Borders
- SOLIDAR
- Transparency International